# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 380 • MEJJU 2018 • IT-38 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY



"Inħarsu u niddefendu l-ħajja sa mit-tnissil naturali fil-ġuf sal-mewt naturali tagħha"

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# BORD EDITORJALI

Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributuri Malta
Alfred Ebejer

Distributuri Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

Direzzjoni u Amministrazzjoni
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Telefown: 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

Disinn u Stampar: Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2018


Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.


# WERREJ


3 Editorjal
Fr Philip Cutajar OFMCap
It-Tliet Ommijiet

5 Katakeżi
Emily Barbaro-Sant
Għand tal-merċa... fil-Ġenna

6 Riċensjoni
Francesco Pio Attard
Għaliex Kristu hu "Sultan"

7 Poeżija
Filippu Chircop
Il-Qanpiena

8 Pastorali
Fr Mario Attard OFMCap
Ħidmet il-Provinċja Kapuċċina f'Malta ma' ħutna l-immigranti

12 Knisja: Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet
Fr Silvestru Bonavia OFMCap
Formazzjoni, sfidi u opportunitajiet biex jgħinu l-Knisja tkompli tiġġedded

14 Aħbarijiet tal-Provinċja
Br Miguel Zammit OFMCap
Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin

17 Valletta – Ġawhra Unika
Joseph C. Camilleri
Il-Bibien tal-Belt
(Is-sittax-il parti)

18 Esperjenza Missjunarja fil-Kenja
Fr Philip Cutajar OFMCap
Safari Njema
*Il-Vjaġġ it-Tajjeb*

24 Pastorali tas-Saħħa
Patri Mario Attard OFMCap
Bqajt nieħu ħsiebha sal-aħħar

26 Padre Pio
Fr Joe Buttigieg OFMCap
Il-Pjagi

28 Ordinazzjoni Presbiterali
Fr Philip Cutajar OFMCap
Nifirħulhom...
...U nitolbu għalihom

31 Rokna għat-Tfal
Fr Wistin Attard OFMCap
Aħseb u Wieġeb
Tisliba nru 165





## Ħsieb tal-faċċata

Ix-xahar ta' Mejju jfakkarna fit-tliet ommijiet: l-omm naturali tagħna, l-omm tagħna Marija u l-Knisja: Omm u Għalliema. Inħarsuhom, nirrispettawhom, inħobbuhom u ngħożżuhom f'ħajjitna.



# IT-TLIET OMMIJIET



EDITORJAL

FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

Ninsabu diġà fix-xahar ta' Mejju. Xahar li fih jispikka l-istaġun tar-rebbiegħa bil-fwieħa tal-fjuri u temp sabiħ. L-għeruq tal-isem ta' dan ix-xahar ġejjin minn *Maia*: l-alla tal-fertilità – il-*'Bona Dea'*, għalkemm hemm interpretazzjoni oħra li tgħid li l-isem ġej mill-kelma bil-Latin *'majores'*, li tfisser *'anzjani'*, hekk kif ix-xahar ta' Ġunju ġej minn kelma oħra bil-Latin, *'iuniores'*, li tfisser *'żgħażagħ'*.

Huwa wkoll ix-xahar magħqud mal-Għid il-Kbir, li aħna l-Insara niċċelebraw ta' kull sena. Festa li tfisser dak li jiġri f'dan ix-xahar ta' Mejju, meta l-ħajja tiġġedded, tqum, tirxoxta wara l-istaġun tax-xitwa. Hawnhekk għandna wkoll it-tifsira tal-'bajda tal-Għid': il-bajda li tfisser bidu ta' ħajja ġdida hekk kif Ġesù bil-qawmien tiegħu mill-imwiet daħħal u hekk idaħħal lilna għal ħajja ġdida, twelid ġdid. Anke mal-figolla f'forma ta' fenek hemm magħqud dan il-ħsieb: il-fenek huwa simbolu ta' fertilità.

**Jum L-Omm**

Kif ilkoll nafu, matul dan ix-xahar sabiħ ta' Mejju niċċelebraw ukoll JUM L-OMM, forsi anke f'relazzjoni ma' dak li diġà ktibt dwar it-tifsira tal-isem ta' dan ix-xahar. Din hija l-ewwel omm, mit-tliet ommijiet tagħna, li nixtieq nagħmel riflessjoni dwarha. Nittama li nibqgħu niċċelebrawh JUM L-OMM, għax hemm tentattivi biex anke lil dan neliminawh minħabba kwistjonijiet ta' ġeneru magħqudin ma' kwistjonijiet oħra marbuta mad-definizzjoni ta' familja, li kif nafu diversi jridu jbiddluha radikalment.



JUM L-OMM huwa jum l-imħabba li kull omm għandha tippersonifika; huwa wkoll jum ir-rispett u r-rikonoxximent għal dak kollu li kull omm twettaq sa minn mindu tiġġenera f'ġufha t-tarbija, meta tiled u tieħu ħsieb l-iben jew il-bint li tkun ġabet fid-dinja, u nistgħu ngħidu li dan il-proċess jibqa' sejjer sal-mewt, għax l-omm tibqa' tieħu ħsieb uliedha sal-mewt.

Għalkemm nafu li JUM L-OMM għandu jiġi ċċelebrat is-sena kollha, għax matul is-sena kollha għandna niftakru f'dak li kull omm tagħmel b'tant sagrifiċċji u mħabba, tajjeb li dan il-jum nibqgħu niċċelebrawh kif jixraq, hekk kif f'Ġunju niċċelebraw JUM IL-MISSIER.

**Ix-xahar tal-Madonna – Ommna**

Din hija t-tieni omm li għandna niftakru fiha matul ix-xahar ta' Mejju. Għalina l-Insara, speċjalment għalina bħala Kattoliċi, ix-xahar ta' Mejju huwa x-xahar ta' Marija. Kemm hu sabiħ li matul dan ix-xahar nisimgħu l-kant tal-innu devot u profond ll l-poeta nazzjonall Dun Karm Psaila tana: *Fil-Ħlewwa ta' Mejju*. X'nostalġija meta kont għal 12-il sena sħaħ f'Kuba! Ma kontx nista' nisma' l kant ta' dan l innu sabiħ bil-Malti, għalkemm huma wkoll għandhom innijiet Marjani sbieħ ukoll.

Matul is-sena għandna diversi ġranet iddedikati għal xi festa partikolari lill-Madonna, imma dan huwa x-xahar tagħha. Għandna nkomplu, speċjalment fl-iskejjel

tagħna, din l-imħabba u d-devozzjoni lejn Ommna Marija, u tajjeb li nkomplu nrawmu d-drawwa tal-inkurunazzjoni tal-Madonna fl-aħħar tax-xahar ta' Mejju.



## Ommna l-Knisja

Il-Papa Franġisku, meta jaqbad jitkellem dwar dan is-suġġett tal-'omm', ninnutaw li diversi drabi jieħdu minn din il-perspettiva tat-tliet ommijiet li aħna għandna, jiġifieri dik tal-omm bijoloġika li ġabitna fid-dinja; il-Madonna bħala dik l-omm li wilditna fit-tbatija tal-ħlas taħt is-salib, meta Ġesù wilidna għal ħajja ġdida; u mhux inqas il-Knisja, li hija wkoll omm u għalliema tagħna. Dan il-Papa Bergoglio jasal għalih frott l-esperjenzi li għamel fil-ħajja tiegħu. Għalih huma t-tliet ommijiet li f'ħajtu tawh mhux biss il-ħajja fiżika, dak li tagħmel l-omm bijoloġika, imma wkoll il-ħajja spiritwali, li hija daqstant ieħor importanti. U din il-ħajja spiritwali tiegħu jafha kemm lil ommu naturali, Marija Regina Sivori, kif ukoll lill-Madonna, li mis-sema tibqa' tieħu ħsiebna u tipproteġina, u mhux inqas il-Knisja, li bħala omm tħobbna, tiddefendina, tagħmlilna kuraġġ sabiex nibqgħu miexja 'l quddiem fil-ġlieda tagħna kontra kull ħażen, u bis-sagramenti twellidna għall-ħajja spiritwali. Il-Knisja bħala omm tibqa' tieħu ħsiebna mit-twelid sal-mewt, speċjalment bit-tagħlim tagħha. Saħansitra l-Papa Franġisku, fl-udjenza ġenerali tal-14 ta' Settembru 2014, kien iddedika katekeżi sħiħa fuq dan is-suġġett tal-'Knisja Omm', li hija bi mħabba kbira tgħallimna wkoll l opri tal-ħniena li jeħtieġ li nuru bejnietna bħala wlied-aħwa.

Għall-Papa Franġisku dawn it-tliet ommijiet: l-omm bijoloġika, il-Madonna u l-Knisja, huma tliet ommijiet marbuta flimkien. Il-vera omm bijoloġika li tħobb lil uliedha għandha twassalhom għand Ommna Marija bil-għan li huma wkoll jiskopruha bħala l-omm spiritwali tagħhom; u mhux inqas għandha twassalhom sabiex iħarsu lejn il-Knisja bħala dik l-omm li fuq kull livell tieħu ħsieb lill-bniedem sakemm twasslu fis-sema pajjiżna.

Il-Mulej jagħtikom is-sliem!



# GĦAND TAL-MERĊA... FIL-ĠENNA



KATAKEŻI
EMILY BARBARO-SANT

Ltqajt ma' din il-kitba li taf il-bidu tagħha fl-Olanda. Tant intgħoġbot li daret id-dinja disa' darbiet. Billi fiha ħafna x'wieħed jitgħallem minnha, ħsibt li naqlibha għall-Malti u ngħaddiha lill-qarrejja numerużi tad-*Dawl Franġiskan*.

**L-istorja tgħid hekk:**
Ħafna snin ilu, jiena u sejra nixtri ltqajt ma' sinjal li kien juri ħanut tal-merċa bl-isem **'Ġenna'**.

Ersaqt viċin u l-bibien infetħu beraħ. Meta ġejt f'tiegħi sibt ruħi ġewwa l-ħanut. Rajt ħafna anġli mxerrdin 'l hawn u 'l hinn. Wieħed minnhom tani basket u qalli: "Binti, ixtri bil-għaqal." Mad-daqqa t'għajn rajt li dal-ħanut kellu kulma tixtieq qalbek, u jekk ma tkunx tista' ġġorr kollox, tista' terġa' tiġi.

L-ewwel ma ħadt kienet il-**paċenzja**. L-**imħabba** kienet fl-istess ringiela. Aktar 'l isfel kien hemm il-**ftehim**. Dik ikollok bżonnha kull fejn tmur. Xtrajt kaxxa jew tnejn **għerf** u waħda jew tnejn **fidi**. Bla dubju kelli bżonn ukoll l-**imħabba**.

Ma stajtx ma narax l-**Ispirtu s-Santu**, li kien kullimkien. Kelli bżonn ukoll is-**saħħa** u l-**kuraġġ** biex jgħinuni fil-ġirja tiegħi.

Il-basket beda jimtela ġmielu u ftakart fil-**grazzja**. Imbagħad għażilt is-**salvazzjoni** għax dik kienet b'xejn. Ħadt biżżejjed minnha wkoll għalik u għalija. Ersaqt biex inħallas għax ħsibt li kelli l-bżonnijiet kollha biex nagħmel dak li jrid minni l-Mulej. Iżda jien u sejra rajt it-**talb** u ħadt minnu wkoll, għax kont naf li hekk kif noħroġ barra ser nidneb.

Il-**paċi** u l-**ferħ** kienu bl-abbundanza – l-aħħar affarijiet fuq l-ixkaffa. L-**għana** u t-**tifħir** kienu mdendla viċin u jien middejt idejja. Imbagħad lill-anġlu għedtlu: "Kemm għandi nagħtik?" Tbissem u qalli: "Ħu kollox kull fejn tmur!" Jien erġajt staqsejtu: "Kemm għandi nagħtik?" "Binti," qalli, "il-Mulej ħallas il-kont tiegħek ħafna żmien ilu."



# GĦALIEX KRISTU HU "SULTAN"



Lawrenz Sciberras, *Ġesù Kristu Sultan*, Gozo Press, Malta 2017, 168 Paġna

RIĊENSJONI
FRANCESCO PIO ATTARD

Is-solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu tagħlaq iċ-ċiklu tas-sena liturġika tal-Knisja. Ħafna drabi din il-festa ma tingħatax l-importanza li tixirqilha bħala l-kuruna tal-mixja liturġika tal-poplu ta' Alla, li tibda fl-ewwel Ħadd tal-Avvent u tagħlaq b'din is-solennità, li b'xi mod tistieden lill-Insara kollha biex isammru ħarsithom fuq dak li hu ċ-ċentru tal-ħajja tagħhom: Ġesù Kristu.

Mons. Lawrenz Sciberras, studjuż Għawdxi tal-Iskrittura li fuq medda ta' erbgħin sena tana mad-disgħa u għoxrin ktieb b'temi bibliċi, din id-darba qabad proprju dan is-suġġett biex jgħin lill-Insara fir-riflessjoni tagħhom fuq **Ġesù Kristu Sultan**. Dan hu l-isem tal-ktieb il-ġdid tiegħu, li għadu kemm ġie mitbugħ fl-istamperija tal-Knisja f'Għawdex, Gozo Press, u qed joffri lill-poplu ta' Alla għajnuna għar-riflessjoni bi tħejjija għas-solennità ta' Kristu Sultan.

Għalkemm mhux ktieb li jbeżżgħek bit-tul tiegħu, f'162 paġna l-awtur joffri mhux inqas minn għoxrin kapitlu bi ħsibijiet dwar il-persuna ta' Kristu Sultan, mibnija fuq it-tagħlim li nsibu prinċipalment fil-Bibbja dwar dan is-suġġett, imma applikati wkoll għall-ħajja tan-Nisrani llum.




Fl-ewwel kapitli l-awtur ilaqqagħna mal-persuna ta' Ġesù fil-Vanġelu, speċjalment meta jitkellem dwar is-saltna u dwaru nnifsu bħala sultan, diġà mħabbar sa mit-Testment il-Qadim, l-aktar mill-profeti. Jispikka b'mod speċjali s-salib bħala t-tron li minnu Kristu jsaltan bl-imħabba u l-ħniena, mnejn hu jifdi lill-bnedmin kollha bit-tixrid ta' demmu. Niftakru li għall-mistoqsija ta' Pilatu, "Inti s-sultan tal-Lhud?" (Ġw. 18, 33), Ġesù ma jiċħadx, għalkemm nafu wkoll minn kliemu li s-saltna tiegħu hi differenti minn dik ta' slaten oħra ta' din l-art. Fuq kollox tispikka quddiemna x-xbieha ta' Kristu Mislub bil-kitba fuq rasu: "Ġesù ta' Nazaret, Sultan tal-Lhud".

Imbagħad l-istess vanġelu fid-diskors dwar il-ġudizzju universali, u aktar tard l-Apokalissi, jippreżentawlna l-miġja tal-Mulej bħala mħallef glorjuż fl-aħħar taż-żmien, meta għad jieħu setgħa u ħakma fuq il-ħolqien kollu, u kif nistqarru fil-Kredu, "jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin".

Għalkemm ħafna jaħsbu li meta Ġesù jitkellem dwar is-"saltna tas-smewwiet" hu qed jirreferi għall-ħajja ta' dejjem, kif l-awtur jispjega b'mod tant profond imma fl-istess ħin li jinftiehem f'dan il-ktieb tiegħu, is-saltna ta' Ġesù hija issa u hawn, kull fejn id-dixxiplu jilqgħu fil-ħajja tiegħu.

It-tagħlim dwar Kristu Sultan, naqraw f'kapitli oħra tal-ktieb, ikompli jiżviluppa wkoll fl-ittri ta' San Pawl, fil-Missirijiet tal-Knisja u anki fil-kitbiet ta' qaddisin kbar u oħrajn ta' żmienna, bħal San Ġorġ Preca.

Kif jikkummenta l-awtur fid-daħla tal-ktieb tiegħu, matul l-istorja tad-dinja qamu ħafna slaten kbar, imma l-fama tagħhom xi ftit jew wisq intemmet u ndifnet magħhom f'qabarhom. Dan ma kienx il-każ tas-Sultan tagħna, Ġesù, li jibqa' jsaltan fuq il

qlub tal-bnedmin u hu ċ-ċentru tal-imħabba ta' mijiet ta' eluf ta' dixxipli f'kull żmien: "is-Saltna tiegħu ma tintemm qatt", u l-Knisja hi garanti ta' dan. Ir-riflessjonijiet mirquma ta' Mons. Sciberras, megħjuna wkoll minn referenzi għal bosta awturi importanti kif ukoll diversi stampi sbieħ, jgħinuna nifhmu u nikkontemplaw dan fil-kwalitajiet regali tas-Sultan tagħna.

Ħafna drabi naħseb li bit-tagħlim kollu li għandna fir-reliġjon tagħna kultant nirriskjaw li nitilfu l-mira ta' dak li hu ċ-ċentru tal-fidi tagħna kollha: il-Mulej Ġesù. Għalhekk, f'dawn il-jiem u ġimgħat li naqra naqra jqarrbuna lejn it-tmiem tas-sena liturġika u s-solennità ta' Kristu Re, dan il-ktieb ġdid ta' Mons. Sciberras hu għodda mill-aqwa ta' riflessjoni dwar Ġesù s-Sultan tagħna.

*Ġesù Kristu Sultan* jista' jinkiseb għall-prezz ta' €10 mill-ħwienet ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex.



POEŻIJA
FILIPPU CHIRCOP

# IL-QANPIENA

Twelidt fil-funderija, ġewwa n-nar;
berkuni, tawni isem dakinhar,
għal ftit semmajthom leħni, ċapċpuli,
tellgħuni u dendluni fil-kampnar.

U... hawn bqajt ngħammar,
billejl u binhar;
fil-ksieħ; fis-sħana;
dejjem fil-kampnar.

Fir-riħ, fix-xita,
fil-bnazzi, fiċ-ċpar,
fir-ragħad, fil-beraq,
jien hawn, fil-kampnar!

Iva, jiena, il-qanpiena:
kmieni kmieni nħoll ilsieni,
nikser il-ħemda,
nagħmel il qalb;

lin-nies inħajjar jgħidu xi talb.
Wara ftit tal-ħin insejjaħ lin-nies
ħa jkunu twajbin,
u jmorru l-quddies.

Matul il-jum, f'nofsinhar,
filgħodu, filgħaxija,
lin-nies, jien, nerġa' nħajjar
ifaħħru lil Marija.

U meta jkun qorob
il-ħin tal-mistrieħ,
lin-nies inħajjarhom
jiftakru fl-erwieħ.

Imbagħad kollox jiskot
sa jerġa' ż-żerniq,
tistenbaħ il-ħajja,
l-istorbju fit-triq.

Bi lsieni nnikket,
bi lsieni nferraħ,
bi lsieni nwassal, jien, kull aħbar;
nitlobkom skuża, dan huwa dmiri,
anke jekk dina tkun kollha mrar!

Int lilek togħġbok
ħajja bħal din?
Hekk kienet ħajti
tul bosta snin!
Tgħid din xortija,
jew id destin?!

PASTORALI MAL-IMMIGRANTI FOSTNA

# ĦIDMET IL-PROVINĊJA KAPUĊĊINA F'MALTA MA' ĦUTNA L-IMMIGRANTI



PASTORALI

FR MARIO ATTARD OFMCAP

Il-provinċja Kapuċċina Maltija minn dejjem emmnet u ħaddnet kliem Ġesù: "Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti għamiltuh miegħi" (Mt. 25, 40). Fi żminijietna wieħed mill-modi ta' kif il-provinċja Kapuċċina Maltija qed tgħix il-Kelma ta' Ġesù huwa l-għajnuna li qed tagħti lil ħutna l-immigranti. Għal dan il-għan jiena ltqajt ma' Patri Philip Cutajar OFMCap, li huwa responsabbli minn din il-ħidma daqshekk importanti.

**Meta staqsejtu dwar jekk ir-refuġjati humiex parti mill-kariżma Franġiskana Kapuċċina, Patri Philip weġibni hekk:**

L-identità tagħna bħala Franġiskani Minuri Kapuċċini hija dik li nkunu missjunarji. Dan jinstab mill-għeruq tal-kariżma tagħna. San Franġisk t'Assisi, il-fundatur ta' ordni reliġjuż, kien dak li, għall-ewwel darba fl-istorja tal-Knisja u tal-ordnijiet reliġjużi, fir-Regola tiegħu ddedika kapitlu sħiħ li jitħaddet dwar il-ħidma missjunarja li Ħutu l-patrijiet kellhom iwettqu. Il-kariżma missjunarja ssieħbet fl-Ordni Franġiskan matul l-istorja tiegħu. Anke meta nħarsu lejn l-istorja ta' aktar minn 400 sena tal-preżenza tal-Kapuċċini f'Malta, dejjem insibu missjunarji Kapuċċini Maltin li ħaddnu bħala l-istil tal-vokazzjoni tagħhom il-ħidma missjunarja.





Illum l-istorja tal-ħidma missjunarja qed tinbidel. Nitkellmu mill-provinċja tal-Franġiskani Kapuċċini f'Malta, li fil-preżent għandha l-missjoni tal-Kenja, fl-Afrika, fejn hemm żewġ isqfijiet Maltin, jiġifieri l-Isqof ta' Garissa Mons. Joseph Alessandro OFMCap u l-Isqof ta' Malindi



Mons. Emanuel Barbara OFMCap. Magħhom hemm jaħdmu tliet missjunarji Maltin oħra: Patri Ilarju Abela OFMCap minn Ħaż-Żabbar, Patri George Bezzina OFMCap minn San Ġwann u Patri Joe Galea OFMCap minn Bormla. Issa hemm ħames missjunarji Maltin. Iżda fil-passat kien hemm żmien meta fil-Kenja biss kien



hemm mal-25 missjunarju. Jidher ċar li n-numru tal-missjunarji qed jonqos sewwa. Ma ninsewx li n-numru ta' vokazzjonijiet ġodda qed jonqos.

Iżda l-Mulej qed jiftaħ bibien ġodda. Il-Kapuċċini Maltin (flimkien ma' reliġjużi u saċerdoti djoċesani oħra) m'għadhomx imorru bħala missjunarji fl-Afrika, fl-Indja u fl-Asja. Madankollu xi nies, speċjalment mill-Afrika, qed jiġu Malta bħala refuġjati. Issa qed jiġu huma. Mela l-ħidma missjunarja qed tinbidel. Qabel il-missjunarju Kapuċċin Malti kien iħalli lil Malta, lill-familja tiegħu, u jmur fl-Afrika. Illum jista' jissokta bil-ħidma missjunarja tiegħu billi jibqa' Malta u jaħdem mal-ħafna refuġjati li ġejjin mill-Afrika u minn pajjiżi oħra fejn qabel konna mmorru aħna.



Kien għalhekk li bħala Franġiskani Kapuċċini Maltin, sa mis-sena 2001, is-sena meta daħlu Malta l-ewwel grupp ta' refuġjati, immedjatament bdejna noffru l-għajnuna tagħna lil dawn l-immigranti. Fil-bidu bdew jersqu lejn il-bieb tal-kunvent tagħna jitolbu kemm għajnuna materjali kif ukoll spiritwali u pastorali. Dan il fenomenu ġdid li nibet f'pajjiżna, bħala Kapuċċini ħarisna lejh bħala sfida ġdida li s-sinjali taż-żminijiet qed ipoġġu quddiemna. Ħarisna lejh bħala estensjoni tal-ħidma missjunarja tagħna, fejn minflok ma nivvjaġġaw lejn l-Afrika, kif għamlu fl-imgħoddi diversi Kapuċċini Maltin, nieħdu ħsiebhom hawn f'pajjiżna, ladarba qed jiġu hawn huma.

Il-kariżma Franġiskana missjunarja tkompli tiġi konkretizzata u mgħixa anke llum, għalkemm b'mod differenti, b'mod ġdid mingħajr ma neskludu dak tradizzjonali.



**Lil Patri Philip staqsejtu wkoll dwar ix-xogħol li l-provinċja Kapuċċina Maltija qed tiżvolġi mar-refuġjati. Huwa weġibni hekk:**
Nistgħu ngħidu li matul dawn l-aħħar 17-il sena, il-ħidma pastorali u soċjali mal-immigranti mill-Franġiskani Minuri Kapuċċini f'Malta żviluppat bil-mod il-mod sakemm waslet li ħadet il-forma li tgawdi llum. Fl-ewwel snin kienet ħidma fejjieda għalkemm mhux organizzata. Il-Kapuċċini, l-aktar dawk tal-Furjana, permezz tal-Uffiċċju tal-Missjoni, kienu jilqgħu u jgħinu kull immigrant li kien jiġi, speċjalment għall-għajnuna fuq livell soċjali. Iżjed u iżjed għal dik finanzjarja. Hawnhekk ta' min isellem lill mibki Patri Krispin Tabone OFMCap, li qatt ma naqas milli jagħti kull għajnuna mitluba mhux biss minn immigranti Nsara u Kattoliċi imma anke minn dawk Musulmani.

Din il-ħidma mill-Franġiskani Kapuċċini mal-immigranti f'Malta kompliet tiżviluppa u tieħu



- **it-tielet**, noffrulhom kull għajnuna ta' prevenzjoni mill-ħakma tal-alkoħol;
- **ir-raba'**, noffrulhom kull għajnuna ta' prevenzjoni minn kull tip ta' droga;
- **il-ħames**, ngħinuhom jirbħu t-trawma li taħkimhom b'effett tal-vjaġġ u t-tibdil tal-kultura.

Billi nevitaw li jkun hemm ripetizzjoni ta' ħidma pastorali li gruppi oħra diġà qed iwettqu, aħna qed nenfasizzaw fuq dawn il-ħames aspetti, li huma skarsi fi gruppi oħra u fl-istess waqt tant huma meħtieġa. Bil-għan li nilħqu l-aħħar tliet



xejra aktar uffiċjali u organizzata. Għalkemm fil-ħidma tagħhom il-Kapuċċini qatt ma warrbu lil ħadd, ħadu deċiżjoni li jikkonċentraw il-ħidma tagħhom mal immigranti li ġejjin mill Eritrea u li huma Kristjani Kattoliċi. Kienu huma li talbu l-għajnuna tal-Kapuċċini, mhux daqstant materjali daqskemm spiritwali u pastorali. Daqs sena u nofs ilu twaqqfet fundazzjoni mhux governattiva bl-isem ta' *PEACE AND GOOD FOUNDATION* – FUNDAZZJONI PAĊI U ĠID. Għal dan il-għan sar statut, kif titlob il-Liġi f'Malta, u ġie approvat bħala organizzazzjoni mhux governattiva b'identità proprja, jiġifieri dik li tgħin lill-immigranti f'Malta.

Twaqqfet uffiċjalment il-komunità Eritreana f'Malta. Dawn bdew jiltaqgħu regolarment fil-kappella tal-Madonna ta' Lourdes, li l-Kapuċċini għandhom fil-Furjana. F'Jum l-Emigranti ta' sentejn ilu l-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna, wara konsultazzjoni mal-Ministru Provinċjal u mal-Kummissjoni Emigranti f'Malta, waqqaf il-Parroċċa Straordinarja għall-Komunità Eritreana f'Malta, bil-kappella tal-Madonna ta' Lourdes fil-Furjana bħala l-parroċċa tagħhom.

Bħala proġett speċifiku mal immigranti kollha fostna, speċjalment mal-membri tal-komunità Eritreana, qegħdin nimmiraw biex nilħqu dawn il-ħames miri:

- **l-ewwel**, akkumpanjament spiritwali u pastorali;
- **it-tieni**, għajnuna kontinwa u f'waqtha fuq livell materjali u soċjali;

skopijiet tal-ħidma tagħna, għandna magħna bħala impjegata full-time persuna professjonali fil-qasam tal-psikoloġija, bi speċjalizzazzjoni fil-prevenzjoni tal-alkoħol u d-droga. Din il-persuna toħloq kuntatti ma' kull tip ta' immigrant li hawn f'Malta, toffrilhom servizz b'xejn ta' counselling u terapija meħtieġa bil-għan li jiġu megħjuna jgħixu ħajjithom bl-akbar dinjità, jevitaw li jkissru ħajjithom u ma joħolqux problemi, la għalihom infushom, la għall-familji



tagħhom, la għal sħabhom u lanqas għal Malta, il-pajjiż li qed jaċċettahom.

**Għall-mistoqsija dwar il-prospetti li Patri Philip jara għall-provinċja Kapuċċina Maltija f'dan ix-xogħol mar-refuġjati, huwa wieġeb:** Il-prospetti huma kbar, ambizzjużi u mifruxa. Għal dan għandna l-appoġġ sħiħ kemm tal-Kurja Ġenerali tal-Ordni, li hija ferm kuntenta bis-sehem tagħna mal-immigranti, kif ukoll ta' diversi provinċji oħra fi ħdan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin. Dan l-appoġġ deher fid-diversi għajnuniet finanzjarji li rċevejna, bil-għan li nissuktaw nifirxu l-proġett tal-ħidma tagħna ma' dawn ħutna. Kemm-il darba ġejna mfaħħra għall-ħidma tagħna.

Qegħdin noffru diversi għajnuniet pastorali li wieħed jistenna minn parroċċa straordinarja, bħalma huma l-quddies, speċjalment ta' kull nhar ta' Ħadd u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti, speċjalment il-magħmudijiet, l-ewwel tqarbina, il-griżma tal-isqof u ż-żwiġijiet bil-Knisja. Diversi drabi, speċjalment fil-festi liturġiċi ewlenin, inġibu saċerdot mill-Eritrea (hemm diversi Kapuċċini Eritreani li qed jaħdmu fl-Italja, u għalhekk dan hu aktar faċli).

Ngħinu wkoll sabiex jintegraw fil-kultura ta' pajjiżna b'diversi laqgħat u nipprovdulhom ukoll klassijiet tal-Ingliż u tal-Malti b'xejn. Norganizzaw excursions bil-għan li jsiru jafu aktar lil Malta u l-istorja bil-kultura tagħha. Napprezza ferm li kienu ħafna l-parroċċi, kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta, li stiednu lill-komunità Eritreana sabiex tanima quddiesa bil-kant tagħhom u anke waqt il-quddiesa, fil-ħin tal-omelija, Fr Philip jieħu l-opportunità biex jagħmel intervista ma' wieħed minnhom, bil-għan li jirrakkonta l-esperjenzi tiegħu sakemm ġie Malta, l-impressjonijiet tiegħu dwar Malta



u l-Maltin, eċċ. Dan isir biex kemm il-kappillani u aħna noħolqu aktar kuxjenza Nisranija favur dawn in-nies u kontra kull tip ta' razziżmu.



Ġeneralment il-kappillani jistednuna f'ġurnata bi preparazzjoni għall-festa tal-patrun tal-parroċċa. Ngħinuhom ifittxu xogħol xieraq, ifittxu dar fejn joqogħdu u jillegalizzaw il-pożizzjoni tagħhom f'Malta. Jekk l-immigrant jiddeċiedi li jmur jgħix f'xi pajjiż ieħor, ngħinuh jilħaq dan l-iskop.



Dan huwa ftit mill-ħafna xogħol li bħalissa qegħdin inwettqu ma' dawn ħutna immigranti li jinsabu f'pajjiżna. Nixtiequ nkabbru aktar u nifirxu iżjed. Ix-xogħol ma' dawn in-nies huwa vast u kbir... tagħmel kemm tagħmel qatt mhu biżżejjed. Ħasra li mhux kulħadd japprezza u lest biex jgħin. Ħidma oħra li nisħqu fuqha hija dik tal-edukazzjoni u l-formazzjoni, anke fost il poplu Malti, bil-għan li jinqered darba għal dejjem kull tip ta' razziżmu minn fostna.

Min jixtieq jgħin f'din il-ħidma li l-provinċja Kapuċċina Maltija qed twettaq b'risq l-immigranti, jista' jagħmel dan billi jżur il-Fondazzjoni Paċi u Ġid, il-kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana. Wieħed jista' anki jċempel 21233874.

IL-LAQGĦAT TAL-PAPA MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ BI TĦEJJIJA GĦAS-SINODU

# FORMAZZJONI, SFIDI U OPPORTUNITAJIET BIEX JGĦINU L-KNISJA TKOMPLI TIĠĠEDDED



KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET

FR SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

Matul il-ġimgħa ta' qabel Ħadd il-Palm, meta jiġi ċċelebrat il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ fuq livell ta' kull djoċesi, f'Ruma saru bosta laqgħat, li fihom aktar minn 300 żagħżugħ u żagħżugħa Kattoliċi Nsara, uħud oħrajn bi twemmin divers u oħrajn li ma jemmnux, flimkien ma' għadd ta' edukaturi u għalliema, iltaqgħu mal-Papa. Ħadu sehem ukoll delegati minn diversi dekasteri tal-Vatikan biex jisimgħu minn fomm iż-żgħażagħ infushom dak li qed jistennew mis-sinodu. Hekk ġie mħejji dokument qabel is-sinodu dwar kif iż-żgħażagħ infushom iħarsu lejn diversi aspetti ta' ħajjithom f'dinja li qed tinbidel kuljum b'mod mgħaġġel ħafna. Hekk il-madwar 200 isqof u oħrajn li ser jieħdu sehem fil-laqgħat ta' Ottubru jkollhom stampa aktar ċara dwar iż-żgħażagħ infushom u kif dawn iħarsu lejn il-Knisja u dak li qed jiġri fil-Knisja u d-dinja ta' madwarhom.

### Id-Delegat Malti



Fost dawn iż-żgħażagħ kien hemm Benjamin Flores Martin, li huwa l-President tas-Segretarjat Djoċesan għaż-Żgħażagħ Maltin u Għawdxin.

Il-Papa nnifsu ltaqa' mal-grupp tad-delegati kollha għal kważi nofstanhar sħiħ. Huwa kellimhom fuq l-importanza ta' dan l-avveniment u stedinhom ilkoll jitkellmu fil-miftuħ u juru x-xewqat u t-tħassib tagħhom. Il-Papa fakkarhom f'dak li huwa stess kiteb f'*Il-Ferħ tal-Evanġelju* (33), li huma għandhom dmir juru kif jintrebaħ ir-raġunar "Dejjem hekk sar", biex huma wkoll ikunu jistgħu jwasslu aħjar il-fidi li jistqarru. Hekk il-Knisja tkun tista' ssaqsi quddiem Alla u twieġeb għas-sejħa biex issib toroq ġodda kif twassal aħjar l-Aħbar it-Tajba fid-dinja llum mingħajr ma titbiegħed mill-għeruq u tħares dak li huwa essenzjali.

Frott ta' dawn il-laqgħat huwa d-dokument imsemmi, li ġie ppreżentat f'konferenza-stampa fil-Vatikan fl-24 ta' Marzu. Minbarra l-Kardinal Baldisseri, li huwa s-Segretarju Ġenerali tas-Sinodu, u oħrajn, tkellmu tliet żgħażagħ li ħadu sehem. Dawn urew il-ferħ tagħhom li setgħu juru ħsibijiethom f'dawn il-laqgħat qabel is-sinodu. Waħda Amerikana stqarret li kien ta' sodisfazzjon kbir li eluf ta' żgħażagħ mid-dinja kollha matul dik il-ġimgħa setgħu jaqsmu dak li jħossu huma bil-mezzi teknoloġiċi u diġitali tal-lum. Ħafna huma dawk, hija stqarret, minn diversi nħawi tad-dinja li jixtiequ "jibnu familji magħqudin u b'saħħithom, iridu jieħdu sehem akbar fil-Knisja lokali tagħhom, isaħħu s-sbuħija tal-liturġija, jiskopru aktar fil-fond it-tradizzjoni tal-Missirijiet tal-Knisja, isibu gwidi li jistgħu jgħinuhom jitgħallmu kif jiddixxernu u jagħmlu deċiżjonijiet importanti".

### Jixtiequ l-Knisja tkunilhom gwida

Sa mill-bidu nett dan id-dokument ta' aktar minn 30 paġna juri kemm "iż-żgħażagħ illum għandhom quddiemhom l-isfidi u l-opportunitajiet... li jinstabu wkoll fil-kontinenti kollha. F'dan id-dawl huwa meħtieġ li l-Knisja teżamina kif tieħu ħsieb iż-żgħażagħ u timpenja lilha nnifisha għalihom biex tkunilhom gwida qawwija, li tiswa u li tagħtihom il-ħajja fil-kors



ta' ħajjithom... Dan id-dokument mhux xi analiżi tal-imgħoddi, imma wirja li turi fejn aħna, lejn xiex qed inħarsu u indikazzjoni ta' dak li l-Knisja għandha tagħmel biex timxi 'l quddiem."



Fost il-ħafna ideat li jirriflettu d-dinja li l-ġenerazzjoni li tielgħa qed tiffaċċja, iż-żgħażagħ juru l-ħtieġa li l-formazzjoni tibda u tkun soda fil-familja. Għalhekk jeħtieġ li wieħed idur fuq dan il-qasam bis-sħiħ. Imbagħad tissemma l-ħtieġa li l-fidi u l-prattika tar-reliġjon u l-valuri veri ma jkunux biss fil-ħajja privata imma wkoll f'dik pubblika. "Iż-żgħażagħ ifittxu Knisja li tgħinhom isibu s-sejħa tagħhom f'kull sens tagħha. Il-qdusija hija xi ħaġa li nistgħu nilħquha u li hija t-triq għal ħajja hienja... Infittxu l-opportunità li nistgħu naħdmu biex nibnu dinja aħjar."

Dwar it-teknoloġija, li hija parti integrali mill-ħajja taż-żgħażagħ, kif jistqarru huma stess, jixtiequ li l-Knisja tgħinhom jużawha b'mod pożittiv biex jirbħu l-vizzji, l-iżolament u ma jkomplux jużaw dawn il-mezzi bħala 'ossessjoni'. Hekk il-Knisja tkun qed tuża aktar dawn il-mezzi għall-evanġelizzazzjoni, li hija l-missjoni proprja tagħha.

Huma jixtiequ fuq kollox Knisja iktar trasparenti, iktar awtentika, vera, li dak li tgħid twettqu u turih bil-fatti. Huwa hekk biss li l-ġenerazzjoni li tielgħa tkun tista' tagħraf aktar u aħjar lil Ġesù.

Fil-paragrafu ta' tmiem l-ewwel parti jingħad:

"Fl-aħħar nett, ħafna minna nixtiequ bil-qawwa kollha nkunu nafu lil Ġesù; imma spiss nagħmlu sforz biex nifhmu li Hu waħdu huwa l-għajn biex nagħrfu tassew lilna nfusna. Huwa fir-relazzjoni miegħu li persuna, fl-aħħar mill-aħħar, tasal biex tagħraf lilha nnifisha. Għalhekk iż-żgħażagħ jitolbu xhieda awtentiċi, irġiel u nisa, li jistqarru b'passjoni l-fidi tagħhom u r-relazzjoni tagħhom ma' Ġesù, u fl-istess waqt li jagħmlu l-kuraġġ lill-oħrajn sabiex jersqu, jiltaqgħu u jinħabbu huma wkoll ma' Ġesù."

### *"Żgħażagħ Kontra l-Kurrent"*

Huwa f'dan id-dawl li l-predikatur appostoliku P. Raniero Cantalamessa, Franġiskan Kapuċċin, fl-omelija tiegħu nhar il-Ġimgħa l-Kbira quddiem il-Papa, għamel appell ħerqan liż-żgħażagħ tad-dinja billi kkwota l-Ewwel Ittra tal-appostlu San Ġwann, li kien xhud dirett tal-mewt ta' Kristu li kienet qed tiġi ċċelebrata f'dak il jum. "Qiegħed nikteb lilkom, żgħażagħ: Tħobbux id-dinja u dak li hemm fiha" (1 Ġw. 2, 14-15). Il-predikatur kompla bi kliem dirett: "Ikollkom il-kuraġġ li tmorru kontra l-kurrent." Għax illum huwa ħafif tikkonforma ruħek mal-ispirtu tad-dinja; anzi min imur kontra tagħha huwa kkunsidrat li qed jagħmel inġustizzja jew delitt. Jeħtieġ li mmorru fid-direzzjoni opposta, li għalina l-Insara "hija l-persuna ta' Ġesù, il-ħabib tagħna, dak li fdiena" u ta ħajtu kollha għalina sal-mewt. P. Cantalamessa temm b'appell imħeġġeġ ħafna biex iż-żgħażagħ jingħataw ħalli jiskopru u jgħixu l-imħabba vera, li hija għotja tassew, kemm dawk li jgħixu s-sejħa tagħhom fiż-żwieġ kif ukoll f'kull vokazzjoni oħra. Jeħtieġ li fl-imħabba vera nfittxu aktar kemm ser nagħtu milli x'ser nakkwistaw.

Inkomplu, għalhekk, f'għaqda mal-Knisja kollha, nitolbu u ninteressaw ruħna f'dan is-sinodu li ġej, biex ikun ta' fejda għalina lkoll u fuq kollox għaż-żgħażagħ kollha, biex jibnu dinja u Knisja isbaħ u aħjar. Hekk il-membri tagħha jgħixu aħjar l imħabba billi jagħtu lilhom infushom għalkollox lil Alla u lil xulxin.





# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN



AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA
BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP

## Irtir għaż-żgħażagħ fi żmien ir-Randan

Bejn il-Ġimgħa 16 u l-Ħadd 18 ta' Marzu 2018 il-grupp vokazzjonali tal-provinċja tagħna organizza live-in għal żgħażagħ minn tmintax-il sena 'l fuq. F'dawn il-jiem huma setgħu jirriflettu sewwa fuq il-ħajja tagħhom u anke jippreparaw ruħhom spiritwalment għall-festa tal-Għid il-Kbir. It-tema prinċipali kienet "Dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda flimkien" (Atti 4, 32). Dawk preżenti ġew aktar konxji tas-sens tal-Knisja bħala komunità li tressaqna lejn Alla u anke tas-sens ta' qadi li lkoll bħala Nsara msejħin li jkollna. B'kollox kienu tletin żagħżugħ u żagħżugħa li attendew dan il-live-in, li sar fid-dar tal-irtiri f'Tas-Silġ, Marsaxlokk. Kienu diversi Aħwa li taw il-kontribut tagħhom, fosthom Ħutna Miguel Zammit, Vincent Axiaq, Mark Scicluna, Joseph Giuliano, Raymond Bonnici u l-postulanti. Jalla dik iż-żerriegħa li nżergħet f'dawn il-jiem tkompli tħalli l-frott.



## Fr Hayden f'laqgħa barra minn Malta

Fl-okkażjoni tal-100 sena minn meta San Piju ta' Pietrelcina rċieva d-don tal-pjagi, Fr Hayden Williams, flimkien mal-équipe vokazzjonali u l-pastorali maż-żgħażagħ tal-fraternità tagħna f'San Giovanni Rotondo, anima lejla ta' evanġelizzazzjoni fis-Santwarju tal-Madonna della Libera, Rodi, Gargano nhar l-20 ta' Marzu 2018. F'din iċ-ċelebrazzjoni kien hemm espost il-laptu li kien liebes P. Piju dakinhar li rċieva l-pjagi, fl-20 ta' Settembru 1918.



## Studju ta' Ħuna Silvestru Bonavia

Fir-rivista *Tereża*, maħruġa mill-Aħwa Tereżjani Maltin, fl-aħħar numru ppubblikat s'issa (Sena 14, ħarġa 1 – Jan-Apr. 2017, 25-39) fost artikli oħrajn hemm artiklu ta' Ħuna Silvestru Bonavia dwar "Il-Mistika ta' San Franġisk u l-Kantiku tal-Ħolqien fl-Enċiklika *Laudato, Sì*." Wara li jikteb dwar il-valuri kbar li l-Papa Franġisku jmiss f'din l-enċiklika, huwa jsemmi t-tweġiba pożittiva ħafna li ngħatat mill-kbar tad-dinja u fil-qasam ekumeniku kif ukoll fl-ordnijiet Franġiskani kollha. Imbagħad jidħol fil-fond tal-għeruq tagħha fid-dawl tal-ispiritwalità u l-mistika Franġiskana fil-mixja li San Franġisk innifsu għamel meta ltaqa' mal-lebbruż u biesu, għall-fratellanza universali mal-bnedmin kollha u mal-ħolqien kollu u l-ambjent f'kull sens. Hekk ma nibqgħux ngħixu jew innaqqsu l-fatt, kif turi l-esperjenza, "li ngħixu qalb is-siment, l-asfalt u l-ħġieġ". Imma biex nagħtu dan sehemna rridu, aħna l-ewwel nies, inkunu ispirati mill-ispirtu tal-qaddis fqajjar.




## Laqgħat dwar il-formazzjoni fil-Ġermanja

Bejn it-Tnejn 29 ta' Jannar u l-Ħamis 1 ta' Frar 2018, Ħutna Joseph Giuliano u Miguel Zammit attendew għal-laqgħat dwar il-formazzjoni tal-bidu tal-Konferenza CENOC. Dawn il-laqgħat saru ġewwa l-kunvent tagħna ta' Munster,

il-Ġermanja. B'kollox kienu tlettax l-Aħwa minn pajjiżi differenti li attendew għal dawn il-laqgħat, li kienu mistednin għalihom l-Aħwa li jaħdmu fil-formazzjoni u fil-ħidma vokazzjonali. Matul dawn il-jiem dawn l-Aħwa ddiskutew it-tieni u t-tielet kapitlu tar-*Ratio Formationis*, dokument li l-Ordni qed iħejji għall-kapitlu ġenerali li jmiss dwar il-formazzjoni, kif ukoll dwar il-possibiltà ta' novizzjat komuni fil-Konferenza CENOC. L-Aħwa kollha kienu pożittivi dwar dawn il-laqgħat u anke dwar il-konklużjonijiet ta' dawn id-diskussjonijiet.



## Il-Fraternità ta' Spello

Il-fraternità ta' Spello, li ilha mwaqqfa mill-1 ta' Novembru 2016, hija waħda mill-5 fraternitajiet internazzjonali li jagħmlu parti mill-proġett tal-Ordni magħruf bħala "Fraternitajiet għall-Ewropa". L-erba' fraternitajiet l-oħra jinsabu fi Clermont-Ferrand u Lourdes (Franza), Anversa (il-Belġju) u Kilkenny (l-Irlanda). Fix-xhur li ġejjin għandha tibda fraternità oħra ta' dan



it-tip ġewwa Leon fi Spanja. F'din is-sena u nofs l-Aħwa fi Spello rnexxielhom joħolqu klima sabiħa ta' talb, ħajja fraterna, trasparenza ekonomika u ħidma fid-dar (inkluż it-tisjir). Huma għandhom il-missjoni partikolari li jilqgħu u jakkumpanjaw żgħażagħ li jkunu qed jagħmlu dixxerniment vokazzjonali kif ukoll li joffru akkoljenza kemm lill-Aħwa li jkunu fil-formazzjoni tal-bidu kif ukoll lill-Aħwa professi/ordnati li jkunu jixtiequ jgħaddu żmien ta' mistrieħ u tiġdid f'din il-fraternità. Nitolbu għal dawn Ħutna biex ikomplu jagħtu xhieda tas-sbuħija tal-kariżma Kapuċċina fiż-żminijiet tal-lum.

## Application Ġdida tal-Ordni

Ftit tax-xhur ilu l-Ordni tagħna ħareġ application ġdida li wieħed jista' juża fuq il-mowbajl. L-iskopijiet ta' din l-application huma tnejn: li wieħed ikollu aċċess għall-informazzjoni li tidher fuq is-sit tal-Ordni (www.ofmcap.org) b'mod aktar faċli, u t-tieni li wieħed ikollu aċċess għad-dokumenti kollha tal-Ordni fuq il-mowbajl tiegħu. Din l-application, apparti fuq il-mowbajl, tista' titniżżel ukoll fuq it-tablet u l-iPad. Kull informazzjoni tinsab f'seba' lingwi differenti: it-Taljan, l-Ingliż, il-Pollakk, l-Ispanjol, il-Franċiż,




UNIVERSITAS MELITENSIS

il-Ġermaniż u l-Portugiż. Din l-application hija b'xejn u tista' titniżżel mill-Android – Play Store, iOS – Apple Store, Windows – Store. Kif nafu wkoll, l-Ordni kull xahar joħroġ in-newsletter *BICI*. Wieħed jista' jara din in-newsletter kemm fuq din l-application il-ġdida jew inkella fuq is-sit tal-Ordni. Kull min jixtieq jibda jirċievi din in-newsletter permezz tal-email jista' jkellem lis-Segretarju Provinċjali tagħna. Jalla dawn il-mezzi moderni jkunu għalina ta' għajnuna sabiex inżommu ruħna aġġornati b'dak li jkun qed jiġri fi provinċji differenti u fl-Ordni tagħna.

## Pubblikazzjoni Ġdida




Dan l-aħħar Ħuna Mario Attard għadu kemm ippubblika ktieb li għandu t-titlu *Ilħna mill-Vexillina*. Dan il-ktieb ġie ppubblikat mil-Leġjun ta' Marija. F'din il-pubblikazzjoni Ħuna Mario, kif imnebbaħ mill-Ispirtu tal-Mulej, jittratta diversi temi fil-ħajja spiritwali. Dan il-ktieb għandu jservi ta' għajnuna kbira għal min għandu qalbu umli u jrid li jinbidel tassew minn ġewwa. Ħuna Mario ddedika dan il-ktieb lil-Leġjun ta' Marija għax-xogħol fejjiedi li l-Mulej iwettaq b'dawn ħutna fis-skiet u fis-sod. Inkomplu nitolbu għal dan Ħuna sabiex il-Mulej ikompli jkabbar fih dan id-don tal-kitba.

## Ħarġa tal-Għid flimkien

Nhar l-Erbgħa 4 ta' April 2018, festa ta' San Girgor, ġiet organizzata ħarġa flimkien għall-Aħwa kollha tal-fraternità provinċjali. Konna numru mdaqqas. Il-programm tal-ġurnata kien li l-ewwel iltqajna għal mument ta' talb flimkien fil-knisja Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu. Wara dawn il-mumenti ta' talb morna biex nagħmlu żjara gwidata fil-Forti Sant'Anġlu. Kienet żjara li fiha lkoll kemm aħna apprezzajna dan il-wirt storiku li pajjiżna għandu. Ilkoll apprezzajna x-xogħol siewi ta' restawr li sar matul dawn l-aħħar snin, wara l-iżdingar, it-telqa u l-użu ħażin ta' dan il-patrimonju storiku li bħala Maltin għandna għax niftaħru bih.

Temmejna din il-laqgħa fraterna bl-ikel flimkien. Ilkoll fraħna billi qsamna flimkien it-talb, ħarġa kulturali u mhux inqas ikla tajba. Inizjattivi bħal dawn ikomplu jgħinu sabiex intejbu dejjem il-kariżma tal-fraternità li aħna msejħin sabiex ngħixu bħala Aħwa Franġiskani.







# IL-BIBIEN TAL-BELT

Is-sittax-il parti

IL-BELT VALLETTA – ĠAWHRA UNIKA

JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

Fl-imgħoddi l-Belt Valletta kien fiha erba' bibien. L-aktar wieħed magħruf hu dak ta' Bieb il-Belt. Id-daħla tal-Belt ġiet iddisinjata mill-perit Taljan Renzo Piano. Hu jagħti għal Misraħ il-Ħelsien u l-bidu ta' Triq ir-Repubblika. Wara l-ħitan hemm sensiela ta' turġien, wieħed jagħti għal Ġnien Hastings u l-ieħor għal Misraħ Kastilja.




Din id-daħla kienet parti minn pjan li kien ħoloq Renzo Piano għall-Belt. Magħha hemm ukoll il-bini tal-Parlament u Pjazza Teatru Rjal. Il-bini tal-Parlament, li nfetaħ fl-4 ta' Mejju 2015, hu maqsum f'żewġ binjiet. Fil-binja tat-Tramuntana hemm is-sala tal-Parlament waqt li fil-binja tan-Nofsinhar hemm l-uffiċini tal-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni u membri tal-Parlament. Bejn dawn iż-żewġ binjiet hemm fetħa li minnha wieħed jista' jara parti mill-Kavallier ta' San Ġakbu. Il-faċċata tal-bini hi miksija b'ġebel Malti u ġiet iddisinjata qisha qed tiġi mikula mir-raġġi qawwija tax-xemx.

Pjazza Teatru Rjal kienet is-sit li kellu t-Teatru Rjali (it-Teatru tal-Opra). Dan it-teatru waqa' matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Illum f'dan is-sit għall-apert qed isiru kunċerti u produzzjonijiet teatrali. Biex iżejjen dan is-sit Renzo Piano uża xi kolonni li qabel kienu parti mit-Teatru Rjali.

## Fl-imgħoddi

Bieb il-Belt ra diversi tibdiliet. Oriġinarjament kien sempliċiment toqba fil-blat. Dan sar skont il-ħsibijiet tal-periti Francesco Laparelli u Ġlormu Cassar. Din it-toqba kienet magħrufa bħala Porta San Giorgio. Fi żmien il-Gran Mastru de Paule, fis-seklu 17, saru tliet mini – waħda għall-kalessi u t-tnejn tal-ġenb kienu għall-pubbliku. Id-disinn sar mill-Perit Tumas Dingli. Fl-1833, fi żmien il-Gvernatur Ingliż Reid, sar disinn ġdid mill-Inġinier Thompson għal Bieb il-Belt. Il-bieb beda jissejjaħ 'Kingsgate'. Il-Maltin għammdu dan il-bieb bħala Putirjal, kelma li ġejja mit-taljan 'Porta Reale'. Fuq il-bieb poġġew l-istatwi tal-gran mastri L'Isle Adam u De Valette kif ukoll il-bust tal-Papa San Piju V, li kkontribwixxa finanzjarjament biex inbniet il-Belt Valletta. Żiedu wkoll l-arma tal-Kuruna Ingliża. Fi żmien il-kisba tal-indipendenza sar bieb ieħor minn perit Taljan.

## Bibien oħra

Fuq in-naħa tal-Port il-Kbir hemm il-'Victoria Gate'. Qabel kienet magħrufa bħala 'Porta del Monte'. Din kellha bieb wieħed, li kellu pont jitla' u jinżel, li minnu kienu jgħaddu sew il-karozzini u l-kalessi kif ukoll nies. Dan il-bieb reġa' sar fi żmien l-Ingliżi b'żewġ bibien u żewġ passaġġi għall-pubbliku. Id-disinn tiegħu sar mill-Perit Emmanuele Galizia. Fuq il-bieb naraw l-arma ta' Malta u dik tal-Belt Valletta. Fuq nett naraw ukoll l-arma rjali Ingliża. Il-bieb infetaħ fl-1885.

Fuq in-naħa l-oħra tal-belt kien hemm il-bieb ta' Marsamxett. Qabel ma nbniet Triq l-Assedju l-Kbir, dan il-bieb kien għadu dejjaq u biex tasal għalih kellek tuża taraġ. Fl-aħħar nett kien hemm il-Bieb tal-Fossa. Madwar dan il-bieb kien hemm komunità Lhudija tgħix.





# SAFARI NJEMA
## *IL-VJAĠĠ IT-TAJJEB*

ESPERJENZA MISSJUNARJA FIL-KENJA

FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

Wara li fil-ħarġa tad-*Dawl Franġiskan* ta' April 2018 ktibt fl-editorjal dwar iż-żjara tiegħi fil-Kenja, billi tajt ħarsa ħafifa u ġenerali lejn id-diversi żjarat li għamilt f'dan il-pajjiż (17 ta' Frar – 16 ta' Marzu 2018) u anke wassaltilkom artiklu bl-informazzjoni dettaljata dwar il-kapitlu ordinarju elettiv li l-Aħwa Kapuċċini Kenjani żammew bejn id-19 u l-24 ta' Frar, issa nixtieq inkompli nikteb dwar l-esperjenza tiegħi fil-Kenja matul it-tliet ġimgħat ta' wara li ntemm il-kapitlu. Nixtieq naqsam magħkom din l-informazzjoni f'sensiela ta' ħames artikli fil-ħarġiet tad-*Dawl Franġiskan*, nibda minn dan ix-xahar u nkompli fix-xhur li ġejjin. Dawn ser ikunu maqsuma hekk:




- Fl-ewwel parti naqsam magħkom ftit ħsibijiet dwar iż-żjara f'Garissa bħala ċentru tad-djoċesi, fejn hemm bħala isqof Ħuna Mons. Joseph Alessandro OFMCap.
- Fit-tieni parti nagħti ftit informazzjoni dwar il-ġranet li għaddejt fil-parroċċa ta' Wajir, 'il fuq minn 300 kilometru 'l bogħod minn Garissa.
- Fit-tielet parti naqsam magħkom xi ħsibijiet dwar il-ġranet li għaddejt fil-parroċċa ta' Hola, fejn hemm jaħdem bħala missjunarju Ħuna Joe Galea OFMCap.
- Fir-raba' parti nikteb dwar iż-żjara tiegħi fid-djoċesi ta' Malindi, fejn bħalissa hemm il-preżenza ta' Ħuna Fr Hilary Abela OFMCap.
- Fil-ħames parti naqsam magħkom ftit riflessjonijiet dwar dak li għaddejt minnu f'Nairobi proprju fl-aħħar ġranet taż-żjara tiegħi fil-Kenja. F'Nairobi hemm Ħuna Fr George Bezzina OFMCap.



### Jumejn oħra f'Nairobi

Il-kapitlu tal-Aħwa Kapuċċini Kenjani spiċċa nhar is-Sibt 24 ta' Frar b'quddiesa mmexxija mill-Isqof ta' Garissa, Ħuna Joseph Alessandro OFMCap. Fl-aħħar tal-quddiesa, id-Definitur Ġenerali li mexxa l-kapitlu, Ħuna Michael Fernandes OFMCap, iddikjara l-kapitlu magħluq, b'sodisfazzjon għal dawk kollha li pparteċipaw matul ġimgħa ta' impenn kbir imma li fiha kollox mar ferm aħjar milli bsarna.

Matul il-ġranet tas-Sibt u l-Ħadd, 24 u 25 ta' Frar, jiena kelli l-opportunità li nitkellem kemm mas-Superjur elett Ħuna Paul Silas OFMCap u anke mal-erba' kunsillieri li ġew magħżula sabiex jgħinuh. Flimkien fassalna pjan ta' ħidma u rajna fejn Malta tista' tkompli tgħin, mhux daqstant b'missjunarji ġodda imma wisq iżjed fuq livell finanzjarju fid-diversi proġetti li ġew diskussi u deċiżi matul il-ġranet tal-kapitlu. Għal dan il-għan kelli wkoll laqgħat fit-tul ukoll mal-project manager Ħuna Fr Arnold Shirima OFMCap, li huwa wkoll l-ewwel kunsillier u l-vigarju.

Il-ġurnata tal-Ħadd 25 ta' Frar għaddejtha kważi kollha mal-Isqof ta' Garissa Ħuna Joseph Alessandro. Wara li qaddisna u morna nagħmlu xi xiri ta' bżonnijiet mill-ħwienet ta' Nairobi, flimkien komplejna nitkellmu dwar il-proġetti li għandu pjanati għad-djoċesi tiegħu. Il-Ħadd filgħaxija ħadna l-opportunità u morna nżuru lis-sorijiet ta' St Joseph of Tarbes, li għandhom kunvent f'Nairobi. Dawn kienu l-ewwel sorijiet li daħlu fil-Kenja bħala missjunarji f'Garissa, u li kienu ġew mill-Indja permezz ta' Ħuna Fr Maurice Cassar OFMCap.

### Lejn Garissa…

It-Tnejn 26 ta' Frar kmieni filgħodu tlaqna lejn Garissa, Mons. Joseph Alessandro, jiena u magħna kellna bħala sewwieq lil Ħuna Joseph Mutuse OFMCap, li huwa wkoll is-Segretarju tal-Isqof Alessandro. Vjaġġ ta' madwar 400 kilometru, li ħadilna ftit aktar minn ħames sigħat fuq triq tajba.

### Il-parroċċa ta' San Ġużepp – Machakos

Fi triqitna lejn Garissa għamilna waqfa fil-parroċċa ta' San Ġużepp, li qiegħda fid-djoċesi ta' Machakos. Din il-parroċċa hija mmexxija minn tliet Aħwa Kapuċċini Kenjani: Ħutna John Musyoki, gwardjan; Titus, kappillan; u John Nzeki, assistent kappillan. Għalkemm ma kellniex ħafna ħin, stajna naraw ix-xogħol siewi li dawn Ħutna qed iwettqu kemm fil-parroċċa kif ukoll fl-iskejjel li għandhom. Żjara qasira imma li ġiet apprezzata.

### Wasalna…

Vjaġġ twil… imma fl-aħħar tasal. Wasalna għas-siegħa u nofs ta' waranofsinhar. Waħda mir-realtajiet li l-missjunarju fil-Kenja jrid iħabbat wiċċu magħhom hija dik tad-distanzi twal. Distanzi twal fl-istess parroċċa, bid-diversi mission stations mifruxa mat-territorju parrokkjali b'estensjoni enormi; distanzi twal għall-Isqof li jkun irid iżur il-parroċċi kollha tad-djoċesi minn żmien għal żmien, fejn mill-punt ta' fuq nett, jiġifieri minn Mandera, sal-punt ta' isfel nett, jiġifieri Wenje, hemm aktar minn 1,000 kilometru.

U ladarba d-distanzi jkunu twal, kif tasal, wara li tistejqer bi ftit ikel li jkun hemm ippreparat u tidħol taħt id-doċċa, tfittex li tmur tistrieħ ftit. U hekk għamilna.

Waranofsinhar l-Isqof Alessandro dawwarni mal-eqreb postijiet fil-compound tal-parroċċa ta' Garissa, fosthom il-katidral fejn niċċelebraw il-quddiesa nhar ta' Ħadd; il-kappella tas-Sagrament, fejn niċċelebraw il-quddiesa man-nies fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa; u St Mary's School, bl-uffiċċji kollha magħquda magħha. Iltqajt ukoll mas-sorijiet ta' St Joseph of Tarbes li hemm jaħdmu fil-parroċċa ta' Garissa, mal-kappillan tal-parroċċa Fr Clement Mutinya kif ukoll mal-qassis responsabbli minn Morroro u Modogo, Fr John Musyoka, żewġ saċerdoti djoċesani li qed jaħdmu fid-djoċesi ta' Garissa.

### Sisters of St Joseph of Tarbes

Din hija komunità ta' sorijiet b'fundazzjoni Franċiża li kibret ħafna fl-Indja, minn fejn ġew f'Garissa fis-sena 1982 bl-intervent ta' Ħuna Fr Maurice Cassar OFMCap u bl-għajnuna ta' Mons. Leo White, li dak iż-żmien kien prefett appostoliku. Dakinhar kienu tlieta li ġew, u llum diġà jiffurmaw provinċja fil-Kenja.



Fil-preżent fil-parroċċa ta' Garissa hemm tliet sorijiet minn din il-kongregazzjoni. Dawn huma involuti fit-tagħlim fl-iskola; fit-tagħlim tal-katekiżmu; fi proġetti soċjali fi ħdan Caritas Garissa, ma' gruppi mħalltin Kattoliċi u Musulmani ta' nisa; u mhux inqas mat-tfal, li jnisslu fihom spirtu missjunarju, permezz tal-Għaqda Pontifiċja tas-Santa Infanzja.

### St Mary's School

Il-jum tat-Tlieta 27 ta' Frar kien kważi kollu kemm hu ddedikat għal żjara fl-iskola ta' St Mary's. Din, issa, bl-għajnuna ta' diversi benefatturi Maltin u Għawdxin, żiedet fil-klassijiet u fis-sulari. Għalhekk żdiedet ukoll fin-numru tat-tfal li jattendu, 'il fuq minn 500 tifel u tifla. Hawnhekk it-tfal jgħaddu l-ewwel 11-il sena mill-formazzjoni edukattiva/akkademika ta' ħajjithom.



Il-maġġoranza tat-tfal huma Kattoliċi, iżda hemm uħud li huma Musulmani jew ġejjin minn knejjes Insara oħra. L-għalliema huma kollha Kattoliċi minbarra wieħed li huwa Musulman, bil-għan li jieħu ħsieb jagħti t-tagħlim neċessarju lit-tfal Musulmani. Dawn saħansitra għandhom ukoll fl-iskola kamra fejn jistgħu jmorru jitolbu.

## Adotta tifel jew tifla

Ħafna mit-tfal Kattoliċi f'din l-iskola huma sponsorjati minn diversi Maltin u Għawdxin li jħallsulhom €120 fis-sena, u b'hekk dawn it-tfal ikunu jistgħu jgawdu minn din l-għotja billi jattendu bla tbatija għall-klassijiet fl-iskola s-sena kollha. B'għotja ta' €120 fis-sena tkun qed tgħin biex tagħti sena skola b'xejn lil tifel jew tifla. Ma' din is-sena skola b'xejn hemm ukoll inklużi l-uniformi u l-ikel filgħodu u f'nofsinhar lit-tifel jew tifla sponsorjati. Jalla dan in-numru ta' benefatturi Maltin u Għawdxin li jadottaw tifel jew tifla billi għal 11-il sena jħallsulhom €120 fis-sena jkompli jiżdied. B'hekk ikunu qed jagħtu futur ċert lit-tifel jew tifla... ikunu qed jagħtu, kif jgħid qawl Ċiniż, mhux ħuta x'jiekol lil tifel bil-ġuħ imma qasba



sabiex tgħallmu jistad, ħalli jkollu x'jiekol kuljum mingħajr ma joqgħod jiddependi minnek f'kollox.

## Estensjoni tal-iskola

Din l-iskola tinsab fil-compound tal-parroċċa. Sa sentejn ilu, peress li kienet b'sular wieħed, mhux kulħadd kien jaf li kien hemm skola. Imma issa li għoliet b'żewġ sulari oħra u ġiet tidher aktar mill-bogħod, kulħadd induna li l-Kattoliċi għandhom l-iskola tagħhom.



## Laqgħa sorpriża

Għal xi d-9.00 ta' filgħodu ġejt mistieden mill-istaff tal-iskola, bħala rappreżentant tal-Kapuċċini Maltin u f'isem l-Uffiċċju Missjoni, u għalhekk bħala benefatturi li tajna s-sehem tagħna fil-bini tal-estensjoni ta' din l-iskola, huma riedu jgħidulna 'Grazzi' ta' din l-għajnuna finanzjarja li tajna.

Iltqajna fil-bitħa tal-iskola, fejn inġabru 'l fuq minn 500 tifel u tifla flimkien mal-Isqof



Alessandro; is-Sisters, li huma wkoll involuti fl-amministrazzjoni tal-iskola; u l-għalliema. Ġew ferm ippreparati. Offrew diversi rappreżentazzjonijiet ta' diskorsi ta' merħba, żfin tradizzjonali u anke modern, u rigali, fost it-tgħanniq u ċ-ċapċip. Kelmtejn min-naħa tiegħi ma naqsux. Kienu madwar sagħtejn tassew kommoventi. Jafu japprezzaw dak li tagħmel magħhom. Kienet sorpriża għalija, speċjalment il-mument meta resqu t-tfal sabiex jagħtuni rigali f'isem l-iskola. Dawn ir-rigali kienu jikkonsistu minn dak li huma jsejħulu 'kikkhoi', speċi ta' dublett li l-irġiel jilbsuh billi jdawruh ma' qaddhom. Kien wieħed mit-tfal li għenni u wrieni kif nilbsu. U ma' dan tawni wkoll bħala rigal tapit li jinfirex mal-art bil-għan li tkun tista' toqgħod bilqiegħda jew mimdud fuqu. Dan huma jsejħulu 'msala'. Min-naħa tiegħi qassamt ftit ħelu lit-tfal kollha preżenti, u ta' tfal li huma kienu ferm kuntenti.



## St Peter's Church

Għamilt ukoll żjara qasira fil-compound ta' St Peter's Church. Din hija biċċa art li ġiet akkwistata permezz tal-mejjet Mons. Frans Baldacchino meta kien għadu Garissa bħala kappillan tal-katidral. Hija zona fejn hemm il-Militar u anke ħabs. Bil-għan li l-ħabsin u l-familji tagħhom jirċievu l-assistenza pastorali, Mons. Frans ħa ħsieb li jibni knisja ddedikata lil San Pietru fil-Ktajjen, u magħha hemm kindergarten. F'din l-iskola jattendu madwar 80 tifel u tifla. Fl-għażla tat-tfal għall-iskola tingħata preferenza lil ulied il-ħabsin jew ulied l-istess suldati militari li jaħdmu f'dan il-post. Proprju din il-knisja flimkien mal-iskola ġew miftuħa fis-sena 2000 bħala tifkira tal-Ġublew. Il-knisja nhar ta' Ħadd tkun mimlija bin-nies, filwaqt li nhar ta' Ħadd ukoll il-klassijiet tal-iskola jintużaw għat-tagħlim tad-duttrina.

## Morroro

Flimkien ma' Fr John Musyoka, is-Sibt 3 ta' Marzu filgħodu mort inżur il-villaġġ ta' Morroro. Din hija tassew zona fqira, hija slum area. Però għalkemm din hija zona li toffri ħafna sfidi,



il-missjunarji Kapuċċini Maltin ma qatgħux qalbhom. Xtraw biċċa art bil-għan li jkunu jistgħu jidħlu qalb dawn il-fqar u mwarrba saħansitra anke mill-gvern tal-pajjiż. Hemmhekk il-missjunarji Kapuċċini Maltin ma ħasbux biex jibnu knisja, imma aktar ħabirku sabiex jibnu skola, skola għal tfal fqar fejn la l-ġenituri u wisq inqas it-tfal lanqas biss jiġihom f'moħħhom li jmorru l-iskola. B'hekk bi skola f'żona bħal

din ġie mrawwem il-valur tal-edukazzjoni. Issa madwar 80 tifel u tifla qed imorru l-iskola kuljum, u wkoll kull nhar ta' Sibt u kull nhar ta' Ħadd imorru għall-klassijiet tal-katekiżmu. B'hekk inħolqot komunità Nisranija.



Hawnhekk ħadmu ħafna Ħutna Mons. Frans Baldacchino OFMCap u f'dawn l-aħħar snin Ħuna Br John Cassar OFMCap, li bena l-klassijiet tal-iskola St Paul's Morroro Nursery School. F'din iz-zona fqira hemm food programme li għadu għaddej, bil-għan li jieħu ħsieb jipprovdi l-ikel speċjalment lit-tfal fqar.



dan għamlu biex jevita zoni ta' terroriżmu. Modogo hija zona kalma u aktar sikura.

F'Modogo hemm knisja ħelwa ddedikata lil Santa Anna, kbira biżżejjed biex tilqa' n-nies li jmorru speċjalment kull nhar ta' Ħadd għall-quddiesa. Hemm ċentru fejn tiġi mgħallma d-duttrina kull nhar ta' Sibt u anke kull nhar ta' Ħadd. Jeżisti wkoll food programme biex jgħin fil-problema tal-ġuħ tan-nies fqar. Hemm il-ħsieb li f'dan il-compound 'il quddiem tinbena skola sekondarja.



## Modogo

Minn Morroro bqajna sejrin lejn Modogo. M'hemmx distanza twila bejniethom, imma mill-ewwel tinduna bid-differenza li hemm f'dak li huwa livell ta' ħajja. Matul dawn l-aħħar snin f'din iz-zona sar progress, fis-sens li nbnew xi djar tajbin ħafna, peress li numru ta' nies telqu minn Garissa u ġew joqogħdu hawnhekk. Dan iċ-ċaqliq sar minħabba s-sigurtà. Min kellu xi ftit flus u seta' jitlaq minn Garissa u jiġi jibni d-dar tiegħu hawnhekk jew jikri fejn joqgħod,



Hawnhekk ħadmu ħafna Ħutna Fr Maurice Cassar OFMCap u Br John Cassar OFMCap, tant li n-nies għadhom jiftakru fihom. Filwaqt li jafu li Ħuna Fr Maurice daħal fil-ħajja ta' dejjem, kienu ħafna li saqsewni għal Br John Cassar u bagħtu lilu t-tislijiet tagħhom.

## L-aħħar jum

L-aħħar jum tiegħi f'Garissa kien nhar il-Ħadd 4 ta' Marzu. Wara li filgħodu, bħal dejjem,



ingħarna għat-talb tat-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u ħadna l-kolazzjon, morna fil-knisja-katidral sabiex niċċelebraw il-quddiesa. Il-quddiesa mexxieha Ħuna l-Isqof Mons. Joe Alessandro u miegħu konna jiena u Fr Joseph Mutuse OFMCap, li għamel l-omelija. Niftakar l-aħħar li kont qaddist u anke għammidt fil-katidral kien aktar minn 24 sena ilu, meta Ħuna Fr Silvestru Bonavia OFMCap kien kappillan. Jiena fl-aħħar tal-quddiesa tajt messaġġ qasir ta' tislima u anke tkellimt dwar il-motiv taż-żjara tiegħi u dwar l-istorja tal-Kapuċċini f'Garissa.



Dan kien jum ta' risq tajjeb għan-nies ta' Garissa u l-inħawi tal-madwar, peress li kellna madwar erba' sigħat xita qalila. Ix-xita f'dan ir-reġjun tal-Kenja hija barka kbira mis-sema, peress li hija ferm skarsa. Matul is-sena kollha kulma tagħmel huwa madwar 2 pulzieri xita. Dakinhar tal-Ħadd biss għamlet aktar minn 2 pulzieri. Fil-fatt kulħadd ġie jifraħli li kont ta' barka kbira għalihom li ġibtilhom ix-xita miegħi. Kien hemm min qalli: "Fittex erġa' ejja!"

Filgħaxija għaddejtu flimkien ma' grupp imdaqqas ta' tfal subien u bniet li jiffurmaw il-grupp tal-PMC (Pontifical Missionary Childhood) f'Malta. Huma magħrufa bħala t-Tfal tas-Santa Infanzja. Dan huwa grupp ta' tfal li jitrawwem fihom l-Ispirtu missjunarju; ikunu fejn ikunu jagħtu xhieda missjunarja bil-ħajja eżemplari u l-għemejjel ta' karità li jwettqu fl-ambjenti li fihom jgħixu.

Nista' ngħid li ż-żjara tiegħi f'Garissa bdiet b'laqgħa sabiħa mit-tfal ta' St Mary's School u ntemmet b'laqgħa oħra mat-tfal tal-PMC. Filgħaxija morna nitolbu flimkien mas-Sorijiet ta' St Joseph of Tarbes u kilna flimkien magħhom. Inġbarna fil-kmamar tagħna biex norqdu kmieni, peress li l-għada kellna jistenniena l-vjaġġ ta' erba' sigħat lejn Bura u Hola.

## L-Isqof Emeritu Mons. Pawlu Darmanin



Xi ħaġa li laqtitni ferm hija li, mort fejn mort, ir-ritratt tal-Isqof Emeritu ta' Garissa Mons. Pawlu Darmanin OFMCap għadu hemm. Twaħħal dak tal-Isqof il-ġdid Mons. Joseph Alessandro imma tal-Isqof Darmanin ma tneħħiex. Dan huwa mhux biss sinjal ta' rispett u ta' rikonoxximent imma wkoll huwa sinjal ta' kemm l-Isqof Darmanin, wara episkopat ta' 'l fuq minn 32 sena f'Garissa, daħal fil-qlub mhux biss tal-Kattoliċi imma wkoll ta' dawk kollha li ġew qrib tiegħu u gawdew mill-ħidma li wettaq, kien x'kien it-twemmin tagħhom. L-Isqof Emeritu ta' Garissa Mons. Pawlu Darmanin għadu ħaj, preżenti fid-djoċesi permezz tal-patrimonju ta' ħidma, opri, imħabba u tjubija magħġuna b'ħajja mimlija eżempji tajba li ħalla warajh. Dan hu monument li qatt ma jintesa.

Mal-ħajja u l-ħidmiet li wettaq l-Isqof Pawlu Darmanin hemm ukoll dawk tal-ħafna missjunarji Kapuċċini Maltin li għaddew minn Garissa, li wkoll ħallew warajhom il-ħafna opri tajba li wettqu. Magħhom hemm ukoll il-ħafna voluntiera lajċi li għaddew xi żmien f'Garissa.

Ħidma missjunarja li ma tfittixx biss li jinbnew knejjes u ċentri għad-duttrina imma wkoll skejjel għall-edukazzjoni u ċentri, bil-ħsieb li jippromwovu d-dinjità umana bit-tagħlim tas-snajja' u bl-għoti ta' ikel. Il-futur tal-Kenja jrid jinbena fuq edukazzjoni sħiħa li tagħmel lill-bniedem sħiħ u matur. It-tajjeb li diġà nżera' u għadu qed jinżera' żgur li ma jiqafx jikber; forsi ħafna drabi mingħajr ma l-missjunarji jaraw il-frott ta' dak li ħadmu għalih. Uħud minn dawn għadhom ħajjin, filwaqt li oħrajn diġà marru jieħdu l-ħlas mistħoqq lilhom billi daħlu fil-ħajja ta' dejjem. Lil dawn kollha ngħidilhom, "Grazzi u prosit," għax dak li hemm illum huwa kollu frott ta' dak li ħadmu għalih matul preżenza ta' 44 sena f'Garissa, li kien l-ewwel post fejn marru l-ewwel Kapuċċini Maltin.



# BQAJT NIEĦU ĦSIEBHA SAL-AĦĦAR!



PASTORALI TAS-SAĦĦA
PATRI MARIO ATTARD OFMCAP

Kif xrift mill-għatba 'l barra tal-isptar fettilli nara l-mowbajl, u nsib messaġġ u telefonata mitlufa. Kienet ilha ma tibgħat u ċċempel. Mela x'kien ġara?

Indenjajt ruħi naqra l-messaġġ. Qrajtu fuq li qrajtu. U aktar ma qrajtu, aktar l-għaraq beda jxoqq għalija! Iebes kien dak li qrajt, tafux! Imma veru kien! Il-partner tal-eks tagħha kienet qiegħda ħażin issemmix! Xtaqitni mmur nagħtiha l-griżma. Iżda sakemm qrajt il-messaġġ, tlajt fil-karozza u ħadt posti mal-passiġġieri l-oħra, aqta' kemm kien laħaq għadda ħin! Madankollu s-sens ta' dover sejjaħli. Qbadt il-mowbajl u bgħattilha lura. Malajr kemm jista' jkun. "Mill-aktar fis ippejġjaw liċ-chaplain on call ħa jiġi u jagħmlilha l-griżma." Hekk bgħattilha. Fil-verità xi stajt nibagħtilha aktar minn hekk? Imma mbagħad dawl mis-sema reġa' nebbaħni biex nikteb għal darb'oħra hekk: "Naraha jumejn oħra. Meta nkun xogħol." Il-messaġġ li rċevejt mingħandha: "Grazzi minn qalbi ta' kollox. Jekk jogħġbok itlob ħafna għaliha u għalih." Serraħni. Il-paċi tal-Mulej Ġesù li kelli tgħum f'qalbi qabel bagħtitli reġgħet telgħet fil-wiċċ.

Jumejn għaddew bħal leħħa ta' berqa, u tfaċċa t-tielet jum. Jum xogħol kbir li min hu jew kien kappillan f'Mater Dei, f'San Luqa nkella fi sptar kbir ieħor jaf xi jsarraf. Hekk kif bdejt il-ġurnata mill-ewwel dehret, fuq l-iscreen ta' moħħi, it-talba tagħha. Għalkemm f'dak il-jum, eżattament mill-ewwel minuti tal-jum, il-pager ma waqafx idoqq, xorta waħda kont deċiż li mmur sa ħdejn oħtna li kellha bżonni.

U mnalla għamilt hekk! L-għaliex, hekk kif kont dieħel fis-sala, nerġa' nirċievi messaġġ ieħor mingħandha. "Patri! Tinsihiex, jekk jogħġbok, għax waslet." Mal-ħaġra t-tajn! Kif qrajt il-messaġġ tal-mowbajl ħabbatt u dħalt fil-kamra. U x'rajt quddiemi? Xena tassew tal-biki. Mara żagħżugħa qiegħda tiġġieled għal kull nifs li kienet qed tieħu. B'għajnejha mbexxqin li minn ħin għall-ieħor jerġgħu jitberrqu u donnhom



jieħdu l-ħajja f'daqqa. U ħdejha, bħal Marija Addolorata, kien hemm ommha, mifqugħa bil-biki. "O, Patri! Għaliex ġralna hekk? X'għamlet ħażin, miskina? Kienet tifla kwieta! Kienet taf tħobb!"

Id-dmugħ u l-leħen miksur tal-omm nifduli qalbi. Tibżgħux! Malajr intbaħt! Demgħa sħuna kienet qed tixref f'għajnejja. F'dak il-waqt ħassejt li għandi naqbad l-id kiesħa ta' bintha żagħżugħa u nżommha f'idi. M'hemmx xi tgħid, ħbieb. Il-kulur u l-kesħa li kellha fuqha wrew li oħtna l-mewt kienet riesqa fuqha b'rata allarmanti. Mill-esperjenza li l-Mulej jagħtini matul is-snin fl-isptar qiegħed kontinwament jgħallimni li dawn huma l-mumenti meta għandi nħaddal idi fil-but taċ-ċoqqa, noħroġ il-kuruna tar-rużarju u nibda nitlob bil-ħrara, mal-familjari (meta dawn ikunu jixtiequ), il-Kurunella tal-Ħniena Divina.

"Patri, ilni issa ma nitlobha, jien," qaltli l-omm. "Kont naqra bil-ġlied miegħu." "Nifhmek, Sinjura", weġibtha. "Jiena se nibda nitlobha u jekk tħoss li għandek titlobha miegħi dejjem, merħba bik." "Nitlobha," qaltli l-omm. U bdejna nitolbuha. Kien hemm waqtiet waqt it-talba meta kienet issaltan kalma kbira. Madankollu kien hemm mumenti fejn in-niket kien tant kbir li l-mara ma felħitx aktar. Għalhekk bdiet tibki u tolfoq bħal tarbija. Kif tista' ma tifhimhiex? Min jaf x'niket kienet qed tħoss din l-imsejkna omm! Min seta' tabilħaqq isabbarha f'dak il-mument daqshekk krudili?

Wara li tlabna flimkien u tajt lil bintha l-assoluzzjoni, il-mara donnha straħet. Għalhekk beriktha u mort nissokta xogħli u nwieġeb għall-għajtiet li bdew jagħmluli mal-isptar kollu f'dak il-jum.

Il-ħin beda għaddej ġmielu. Qaddist il-quddiesa ta' nofsinhar u kont qed nieħu biċċa ħobż meta daqqli l-pager għal darb'oħra. Ħarist lejn in-numru u qalbi għamlet tikk. Min-numru tal-pager intbaħt minn fejn kont ġejt imsejjaħ. Għalhekk ċempilt mill-ewwel minn fuq il-mowbajl biex ma nħallihomx jistennew. Anki jekk kont se nħalli quddiemi l-ikel sħun ta' nofsinhar. "Patri! Ejja! Passed away."

Xħin smajt din il-kelma startjajt minnufih il-magni u rħejtilha bil-ġiri lejn is-sala. Nidħol u nsib xena ta' qsim il-qalb mill-kbar nett. Iva! Kienet l-istess kamra li kont dħalt fiha xi sigħat qabel, aktar kmieni fil-ġurnata. Il-biki u l-ilfiq tal-omm kienu qed juru dik id-dehra ta' orrur li kien hemm quddiemna. Mara żagħżugħa, fl-aħjar tagħha, mejta. Bla ħajja!

Ma nistax infisser l-arja iebsa u tqila ta' dik il-kamra għajr billi nissellef kliem San Mattew: *"F'Rama nstama' leħen, biki u lfiq kbir: Rakel tibki lil uliedha u ma tridx min ifarraġha, għax ma għadhomx iżjed"* (Mt. 2, 18). Kemm instema' leħen il-biki u l-ifiq kbir f'dik il-kamra ta' dik l-imbierka sala! Kemm dik l-imsejkna omm ma riditx min ifarraġha! X'tistenna meta bintek l-għażiża, mimlija saħħa, timradlek hekk u issa m'għadhiex iżjed ħajja fostna?

Wara li qgħadt ftit ma' din l-omm u anki mal-infermieri li kienu qegħdin jibku magħha, bħala sapport, ħriġt mill-kamra. U nsib raġel. Jibki kemm jiflaħ. "Jiena l-partner tagħha," qalli. "Kemm konna nħobbu lil xulxin! Ftit wara li bdejna noħorġu flimkien, mardet. Wegħedtha li nibqa' nieħu ħsiebha sal-aħħar! U dan hu li għamilt f'dawn is-snin. Ma jiddispjaċinix!"

Kos, hux! Dik imħabba! L-imħabba li tieħu ħsieb lill-marid. L-imħabba li ma tabbanduna qatt lil min qed ibati. L-imħabba li tibqa' hemm fir-risq il-ħażin u fil-mard għal min tħobb. Din hija l-imħabba vera. L-imħabba li fuqha tħaddtu Ġesù u San Pawl. L-imħabba mhux tal-ġibda tal-passjoni, eros, imma l-imħabba li ssir vera għotja. Agape! L-imħabba ewkaristika. L-imħabba ta' Ġesù Kristu!



PADRE PIO
100 SENA MILL-GĦOTI TAL-PJAGI
50 MIT-TWELID TIEGĦU GĦAS-SEMA

# IL-PJAGI



PADRE PIO
FR JOE BUTTIGIEG OFMCAP



L-ewwel saċerdot fl-istorja bil-pjagi

L-għoti tal-pjagi lil Padre Pio seħħ lejn tmiem il-Gwerra l-Kbira (1914-1918). Fuq il-Gargano u ġo San Giovanni Rotondo ma kien instema' l-ebda ħoss ta' bombi; madanakollu kienu mijiet dawk li kienu qegħdin jibku l-għeżież tagħhom li sfaw maqtula, feruti jew maqbuda priġunieri. Imbagħad faqqgħet imxija, imsejħa 'l-Ispanjola', li kompliet taħsad mijiet ta' nies. Il-qaddis tagħna kien marad ukoll bl-Ispanjola, u kellu joqgħod fis-sodda mill-5 sas-17 ta' Settembru.

Minħabba l-gwerra kif ukoll minħabba din il-marda, il-kunventi tal-fraternità provinċjali ta' Foggia kienu kważi baħħ. F'dik ta' San Giovanni kienu spiċċaw 3 biss: Padre Paolino, il-Gwardjan; Padre Pio, li kien marid; u Fra Nicola, li kien joħroġ ifittex xi ħaġa għall-għejxien. Magħhom kien hemm xi ftit adolexxenti, imsejħin 'fratini', bħal f'seminarju minuri.

L-offerta tiegħu li jkun vittma, l-għoti tal-pjagi 'inviżibbli' fi Piana Romana u n-nifda tal-qalb, il mard u l attakki tax xitan kienu biss tħejjija għad-don tal-għoti tal-pjagi, li wieħed jiġi msallab mal-Imsallab.

San Ġwann tas-Salib ifisser din it-tħejjija b'dan il-mod: "Meta titfa' biċċa injama fin-nar, dan l-ewwel ma jagħmel jibda jnixxifha, billi jġegħelha terħi minnha l umdità li jkollha. Imbagħad isewwidha, hekk li tidher kerha u tinten... u meta tkun nixfet għalkollox, jibda jaħraqha bil-mod il-mod... sakemm fl-aħħar tinbidel f'ġamra sabiħa, ħamranija bħall-istess nar! Waqt li ssir taħraq hija ssaħħan; waqt li tkun taqbad, hija tagħti d-dawl!"

Hekk ukoll għamel Alla minn P. Piju: għaddieh mill-għarbiel l-aktar fin tat-tbatijiet fiżiċi u morali biex jitħejja kif kien tassew xieraq għal dak l-avveniment tassew tal-għaġeb li kien se jitwettaq fih. Din it-tħejjija nistgħu ngħidu li bdiet tieħu sura minn mindu Franġisku Forgione daħal Kappuċċin fl-1903, jiġifieri għal ħmistax-il sena sħaħ ta' 'Via Crucis', kontinwa, sakemm wasal dak il-jum magħżul – l-20 ta' Settembru 1918 – meta P. Piju sar tassew xbieha ħajja ta' Ġesù Msallab!

Dakinhar, l-20 ta' Settembru 1918, jum il-Ġimgħa, ftit aktar minn erbgħin jum wara dik il-ġrajja xejn anqas importanti, meta ġiet Imċarrta qalbu minn persunaġġ tas-Sema. Filwaqt li Padre Pio kien qiegħed fil-kor tal-knisja l-qadima tal-Madonna tal-Grazzja, jitlob u jimmedita quddiem il-Kurċifiss, b'radd il-ħajr tal-quddiesa li kien għadu kemm spiċċa, Ġesù Msallab, dak il-'persunaġġ ċelesti', ħa l-ħajja u minnu ħarġu ħames 'vleġeġ' li nifdu l-ġisem dgħajjef ta' Padre Pio. Il-viżjoni ma damitx aktar minn ftit mumenti. Meta ġie f'sensih mill-ġdid, Padre Pio sab *riġlejh, idejh u ġenbu minfudin u bid demm ħiereġ minnhom*. Bilkemm kellu



Padre Pio jirċievi l-pjagi

saħħa jqum mill-art u jasal saċ-ċella tiegħu biex ibiddel ħwejġu u jnaddafhom mid-dmija, biex hekk ħadd ma jinduna b'dak li kien ġralu... u talab ħafna lill-Mulej biex jekk jista' jkun ineħħilu dawk is-sinjali, biex ma jkunx ta' ammirazzjoni għall-oħrajn; imma Alla kien iddispona mod ieħor, għax ried preċiżament juri lid-dinja kollha li Huwa kien għażel lil Patri Piju biex bħal kalamita jiġbed numru bla għadd ta' bnedmin lejn il-Mulej.

Imma ħa nisimgħu lil Padre Pio nnifsu jirrakkonta x'kien ġara eżatt, f'ittra li huwa jikteb lil Padre Benedetto, li kien qallu taħt ubbidjenza biex jiktiblu kulma jkun għaddej mingħalih. Din l-ittra ġġib id-data tat-22 ta' Ottubru, ftit iktar minn xahrejn mill-ġrajja:

*"... X'naqbad ngħidlek fuq dak li qed tistaqsini, kif saret it-tisliba tiegħi? Alla tiegħi, x'konfużjoni u x'umiljazzjoni qed inħoss waqt li nuri dak li inti wettaqt f'din il-ħlejqa msejkna tiegħek!*

*Kien filgħodu tal-20 tax-xahar li għadda. Kont qiegħed fil-kor wara ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, meta ħassejtni qisni meħud għal għarrieda minn nagħsa ħelwa. Is-sensi kollha interni u esterni, flimkien mal-fakultajiet tar-ruħ, sabu ruħhom f'ħemda li ma titfissirx. Matul dan kollu kien hemm skiet perfett madwari! F'daqqa waħda ħassejt fija paċi kbira u telqa sħiħa... Dan kollu ġara f'tebqa t'għajn jew f'leħħa ta' berqa. U waqt li kien qed isir dan kollu rajt quddiemi persunaġġ misterjuż jixbah lil Dak li kont rajt fil-5 t'Awwissu, li kien differenti biss għax kellu jdejh, riġlejh u l-kustat li kien ħiereġ id-demm minnhom. Il-ħarsa tiegħu werwritni! Dak li ħassejt dak il-ħin ma nafx ngħidlek. Ħassejtni qed immut... u kieku ma kienx il-Mulej, żgur kont immut, għax ħassejt qalbi trid toħroġ minn sidri. Id-dehra tal-persunaġġ marret... u jiena sibt ruħi b'idejja, riġlejja u l-kustat imniffda u bid-demm ħiereġ minnhom. Tista' timmaġina l-uġigħ li ħassejt dak il-ħin u li għadni nħoss kontinwament kważi kuljum. Il-ferita tal-qalb tnixxi demm bla waqfien, l-aktar mill-Ħamis filgħaxija sas-Sibt."*

Padre Pio, imbagħad, talab bil-ħerqa lid-direttur spiritwali tiegħu biex jitlob ħafna għalih ħalli l-Mulej ineħħilu dik il-konfużjoni li kien qed iħoss.



Il-kurċifiss tal-pjagi

# NIFIRĦULHOM...
# ...U NITOLBU GĦALIHOM



ORDINAZZJONI PRESBITERALI
FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP



Id-disa' saċerdoti ġodda li daħlu fl-Ordni tal-Presbiterat nhar is-Sibt, 7 ta' April 2018 huma: Fra Elmar Pace tal-Ordni tal-Franġiskani Minuri Kapuċċini; Fra Jethro Bajada tal-Ordni tal-Franġiskani Minuri Kapuċċini; Fra Alan Joseph Adami tal-Ordni tad-Dumnikani; Rev. Dun Anton D'Amato mill-parroċċa ta' Santa Katerina Verġni u Martri, iż-Żurrieq; Rev. Dun Bernard Micallef mill-parroċċa ta' Marija Annunzjata, Ħal Tarxien; Rev. Kenneth Micallef, Sależjan ta' Don Bosco; Fra Kurt Mizzi tal-Ordni Karmelitan; Rev. Giovann Tabone tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl; Rev. Alex Zammit tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

Nhar is-Sibt, 7 ta' April 2018 fil-Konkatidral ta' San Ġwann saret l-ordinazzjoni presbiterali ta' disa' saċerdoti ġodda mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta. Fost dawn is-saċerdoti ġodda kien hemm żewġ Franġiskani Minuri Kapuċċini: Ħutna Elmar Pace u Jethro Bajada. Lil dawn Ħutna li ngħaqdu fl-Ordni tal-Presbiterat, filwaqt li nifirħulhom għal dan id-don kbir li ġie mogħti lilhom u li huma aċċettaw billi wieġbu bl-iva tagħhom għal din is-sejħa, inwegħduhom li nkomplu nitolbu għalihom bil-għan li jkunu dejjem u tassew saċerdoti qaddisin.

### MIN HUMA?

### 1. ĦUNA JETHRO BAJADA OFMCap

Meta Jethro jirrakkonta l-mod kif ġietu l-vokazzjoni sabiex jidħol mal-Franġiskani Minuri Kapuċċini u jsir saċerdot, jistqarr li kellu żgħożija bħal ħafna żgħażagħ oħra, però dejjem fittex li jiġbed l-attenzjoni bil-mod kif kien jidher: xagħru kollu kuluri u b'xi 15-il misluta mdendla f'partijiet differenti ta' ġismu. Kien ġuvni 'tal-life' għalkemm, kif jistqarr huwa stess, qatt ma kien xi ġuvni ħażin jew sfrattat. Fr Jethro kien ferm differenti minn kif nafuh illum. Illum nafuh bħala żagħżugħ miġbur, jitlob, jistudja, serju filwaqt li jgħix bl-akbar fedeltà s-sejħa tiegħu bħala reliġjuż f'kunvent. Imma meta kellu madwar 18-il sena kellu mal-ħmistax-il misluta.



Jethro Bajada ta' 18-il sena bl-imsielet u xagħru kulurit, illum Fr Jethro Bajada, saċerdot Franġiskan Kapuċċin.

*"Kienet fażi f'ħajti, fejn kont qed nikber. Kont inħobb l-imsielet u kelli ħafna kuluri f'xagħri."*



Fr Jethro esperjenza s-sejħa li jidħol patri meta mar Medjugorje. Minn hemmhekk ma baqax l-istess, u niżel Malta bniedem differenti. *"Kien ġie raġel li qalilna li ħa jorganizza pellegrinaġġ f'Medjugorje. Qalilna li l-Madonna tixtieqna li nitolbu. Jiena ma kontx interessat fit-talb imma fil-ħajja li noħroġ, mal-ħbieb, kelli girlfriends ukoll iżda spiċċajt, b'kurżità, kont ilni ma nsiefer u għedt, 'Ħa mmur.'"*

Fr Jethro jesperjenza ferħ li qatt ma esperjenza qabel. *"Meta mort Medjugorje esperjenzajt xi ħaġa ġdida f'ħajti. Dejjem kelli l-attenzjoni ta' sħabi, imma l-ferħ, it-trankwillità u l-kalma li esperjenzajt hemm ma esperjenzajthomx qabel. Meta dan il-ferħ li esperjenzajt għoġobni, għedt, 'Dan it-talb qed jagħtihuli,' u nżilt lura Malta u bdejt nitlob."*

Il-ħajja ta' Fr Jethro ma tibqax l-istess. *"Meta bil-mod il-mod bdejt nitlob, sħabi bdew jarawni ninbidel. Qatt ma xammew li kont se nidħol patri. Xorta kienu jgħidu li jekk nidħol jien, joħorġu kollha. Ma kontx beħsiebni nidħol patri, imma ħajti nbidlet. Filli qiegħed ma' sħabi u filli ngħidilhom li ħa mmur. Kont immur nitlob il-kappella, noqgħod għall-kwiet, naqbad il-Bibbja kif naf jien, nitlob xi Sliema u Qaddisa u l-ħaġa nbidlet."* U Fr Jethro jwieġeb għas-sejħa t'Alla.



Jethro jdoqq diversi strumenti mużikali, fosthom il-vjolin, il-pjanu u l-kitarra. Huwa stqarr li jixtieq li fil-ministeru tiegħu bħala saċerdot jibqa' jżomm dawn l-istrumenti bħala mezz ta' evanġelizzazzjoni, speċjalment maż-żgħażagħ. Huwa sostna li bħala saċerdot jixtieq ħafna li jaħdem maż-żgħażagħ, speċjalment ma' żgħażagħ li bħalma kien hu, jistgħu jħossuhom xi ftit 'il bogħod minn Alla u mill-Knisja. Dawn huma żgħażagħ tajbin u kulma jridu huwa li xi ħadd joffrilhom il-proposta ta' ħajja aħjar, ħajja aktar bis-sens u ħajja li fiha tiskopri l-valur tal-veru ferħ fil-persuna ta' Ġesù Kristu. *"Nixtieq ħafna li l-esperjenza li għaddejt minnha jiena wara li ltqajt ma' Kristu tkun ukoll l-esperjenza li ż-żgħażagħ kollha jgħaddu minnha."*

## 2. ĦUNA ELMAR PACE OFMCap

Ħuna Elmar Pace, ftit jiem qabel l-Ordinazzjoni Presbiterali, ġie mistoqsi kif iħossu, u huwa wieġeb: *"Minkejja li rasi tqila, minħabba li rrid naħseb fuq ħafna affarijiet, għandi ferħ kbir f'qalbi li lanqas nista' nesprimih bil-kliem. Il-ġimgħa l-oħra kelli rtir u dan tani viżjoni ċara ta' dak li se nagħmel."*



It-triq li wasslitu sa dan il-punt ma kinitx waħda faċli u qasira. Kellu 27 sena meta

wieġeb għas-sejħa t'Alla bis-sħiħ. Minkejja li ma kinitx triq faċli, il-ħajja reliġjuża kienet ilha tinħema ġewwa fih, u fil-fatt kien anke soċju tal-Mużew. *"Meta kont żgħir kont imdorri mmur il-Mużew u l-knisja, u ta' 19-il sena ddeċidejt li nidħol soċju. Però wara ftit ħriġt, għax xorta ħassejtni vojt minn ġewwa, u bdejt nimla ħajti bil-karozza, bil-mużika u bis-safar."*

*"F'qalbi xorta baqa' dan il-vojt, u rġajt dħalt il-Mużew. Però erba' snin wara rġajt tlaqt, għax ma ħassejtx li qed ngħixha kompletament din il-vokazzjoni. Minkejja li ħriġt minn soċju, qatt ma kelli ħajra li niżżewweġ. Dejjem kont ngħid li nibqa' ġuvni, għalkemm il-ħajja fil-familja togħġobni."*



Jirrakkonta kif darba ra l-mewt quddiem għajnejh, u dak kien l-ewwel ħjiel ta' x'tista' tkun il-vokazzjoni tiegħu. *"Ħajti komplejt nimlieha bl-affarijiet materjali, sakemm darba kelli esperjenza kerha. Qomt imbeżża', qalbi bdiet tħabbat ħafna u ħsibtu ħa jagħtini attakk tal-qalb."*

*"Dak il-ħin ġibt quddiem għajnejja li ħa mmut u ħa nidher quddiem Alla b'idejja vojta. Bdejt nitlob u nistaqsi lili nnifsi x'inhu jiġrili. Spiċċajt l-isptar u għamluli t-testijiet, imma sabu li kelli ansjetà. Minn dak il-mument għedt li issa ma jistax ikun nibqa' hekk, u rrid nagħti ħajti b'mod radikali lil Alla u nitlaq kollox."*

Alla jagħtih sinjali oħra, din id-darba b'refuġjat fix-xogħol tiegħu. Fr Elmar kien jaħdem fl-inġinerija elettrika, u jidħol jaħdem magħhom refuġjat. *"L-imgħallem qalli biex nieħu ħsiebu u ngħinu fix-xogħol. Mill-ewwel sirna ħbieb, u darba filgħaxija staqsieni jekk għandix xi borom, għax ma kellux fejn isajjar. Mort il Marsa Open Centre, li dak iż-żmien kien fi stat veru ħażin, u hu kien jgħix hemmhekk. Bqajt impressjonat bil-mod kif kien qed jgħix. Niftakar li l-għada li tajtu l-borom konna xtrajnielu żarbun, u din kienet esperjenza li mlietni b'ferħ li qatt ma esperjenzajtu qabel."*

Fl-istess waqt Fr Elmar kien qed iżur ukoll lil xi nies l-isptar. Dawn il-ġesti, kif ukoll bis-smigħ tal-quddies il-Marsa għand il-Kapuċċini, għenu lil Fr Elmar ikollu indikazzjoni li l-Mulej riedu jagħti ħajtu għal dan it-tip ta' ħajja, ħajja kif jgħixuha l-Kapuċċini. Però Fr Elmar ma kienx ċert minnu nnifsu, sakemm programm li kien għamel *Xarabank* wasslu biex ikellem lis-sorijiet tal-klawsura tal-Belt Valletta.

*"Ma kontx inqis lili nnifsi tajjeb, u bdejt nitlob b'serjetà kbira biex jekk veru riedni, jagħtini sinjal ċar. Niftakar li sena qabel kont rajt Xarabank fuq is-sorijiet tal-klawsura tal-Belt, u għedt, 'Issa mmur għandhom u ngħidilhom biex jitolbu għalija.' Kont ħabbatt u niftakar li s-soru kienet saqsietni x'qed nagħmel b'ħajti. Qed nirrakkontalha u mbagħad qaltli, 'X'qed tistenna?' u bagħtitni għand Fr William Axiaq, patri Kapuċċin, u minn dak il-mument infetħu l-bibien, u bdiet it-triq li wasslitni sa dan il-punt."*

Jgħidilna kif ħaduha l-ġenituri tiegħu. *"Meta ommi qalet lil missieri, qalilha, 'Għandu xogħol bħal dak, kif sejjer saċerdot?' Però qatt ma rreżista, u r-relazzjoni ma' missieri pjuttost issaħħet. Niftakar li qabel ma kont nitlaq lejn il-kunvent għal xi esperjenza mal-Kapuċċini, dejjem kien jgħidli, 'Kun imbierek,' frażi li qabel kienet tgħidhieli ommi biss. Ommi dejjem appoġġjatni fil-vokazzjoni, u qatt ma sibt reżistenza mingħandhom."*





# ROKNA GĦAT-TFAL

## NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU NUŻAW IL-BIBBJA



KOMPETIZZJONI

FR WISTIN ATTARD OFMCAP

# AĦSEB U WIEĠEB

1. Id-Dragun telaq għal wara: annimal, it-tifel, il-Mara. (Apk. 12, 13)
2. Ġona għadda tlitt ijiem: imsiefer, rieqed, f'żaqq ta' ħuta. (Mt. 12, 40)
3. Ġesù qalilhom: "Ħalluhom it-tfal jiġu għandi, warrbuhom 'l hemm, keċċuhom." (Mk 10, 14)
4. Ix-xjaten qalulu: "Min int? Itlaq minn hawn. Inti Bin Alla." (Lq. 4, 41)
5. Min iħares kelmti: imut, ma jara qatt il-mewt, jifraħ. (Ġw. 8, 51)
6. Xmun is-saħħar: m'emminx, emmen u tgħammed, ma riedx jaf. (Atti 8, 13)
7. Is-Serp minn ħalqu xeħet: il-velenu, ir-riq, xmara ilma. (Apk 12, 15)
8. Wara l-prietki ta' Ġona, in-nies: nidmu, bkew, ferħu. (Mt. 12, 41)
9. Ġesù, lit-tfal: keċċiehom, berikhom, ċanfarhom. (Mk. 10, 16)
10. In-nies riedu: iżommuh ħdejhom, ikeċċuh, iħaġġruh. (Lq. 4, 42)

# TISLIBA NRU 165




1. Ħalli tkunu għaġna hekk. (1 Kor. 5, 7) (5)
2. Skont ma kien ... (Esd. 10, 5) (6)
3. Demmu mhux fuq uliedna biss. (Mt. 27, 25) (5)
4. Il-kelma waslet b'din. (Ġob 4, 12) (5)
5. U anqas ... għomma. (Apk. 7, 16) (4)
6. Trab mhux oħxon. (Eż. 30, 36) (5)
7. U tfakkarhom fejn naqsu. (Għerf 12, 2) (5)
8. U kienet ... minn Għaj. (Ġoż. 10, 2) (5)
9. Hu hekk għamel l-ilma. (Ġw. 2, 9) (3)
10. L-art ta' Żebulun u l-oħra. (Is. 8, 23) (7)
11. u 12. Din kienet kbira. (1 Mak. 1, 17) (6)
13. X'ser idoqq il-Mulej. (Żak. 9, 14) (6)
14. Ifirħu: li għamilkom hekk. (Kol. 1, 12) (5)
15. Tiskrux bih. (Efes. 5, 18) (5)
16. Ix-xewqa ta' Pawlu lejn Timotju. (2 Tim. 1, 4) (5)
17. Hekk jagħmel lill-korla. (Naħ. 1, 2) (5)
18. Ix-xbieha ta' din tiegħu. (Lhud 1, 3) (7)
19. Biex sa jġagħlu jisker. (Ħab. 2, 15) (4)
20. Annimal li kien jissajjalu. (Lam. 3, 10) (3)
21. Ta' ġid ma' min ... dritt. (Mik. 2, 7) (5)
22. X'inhi din li smajna. (1 Ġw. 1, 5) (5)

Agendabookshop

### Soluzzjoni għal Tisliba #164

1. Aħjar; 2. Imġiba; 3. Żabad; 4. Ħolma; 5. Ħsad; 6. Qawwa; 7. Ħamra; 8. Oqsma; 9. Afi; 10. Asmodew; 11. u 12. Ċatti; 13. Rigali; 14. Fidil; 15. Ibati; 16. Ħaqqu, 17. Fgati, 18. Imħabba, 19. Ħila; 20. Gog; 21. Islet; 22. Qalet.

### Ir-rebbieħa tax-xahar ta' April 2018

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni AQTA' MIN - NRU 32: Andrew Lombardo - 33, 'Maple Leaf' - Triq is-Summien - il-Fgura. Ir-rebbieħa tat-Tisliba Nru 164: Margaret Farrugia - 141, Carmel Street - il-Fgura - FGR 2105. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA'TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

**1. Borża ta' studju**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

**2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati**
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5.

**3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti**
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għadna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv. **Fi xahar ta' April irbaħna €540.**

**4. Bażar b'risq il-missjoni**
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

**5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla; il-Qawra; parti minn Birkirkara; l-Isla; Tas-Sliema u parti mill-Marsa.

**6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7. Intenzjonijiet għall-quddies**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.





**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**


BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
HSBC Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
HSBC Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052